



Brussell, 28 ta' April 2021
(OR. en)

8184/21

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0151(COD)

CODEC 588
RECH 171
COMPET 287
EDUC 139
PE 33

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (riformulazzjoni) - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Brussell, 27 sad-29 ta' April 2021)

I. INTRODUZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u tad-Dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar dan il-fajl fl-ewwel qari.

F'dan il-kuntest, ir-rapporteur, Marisa MATIAS (Ix-Xellug, PT), ippreżentat emenda ta' kompromess (l-emenda numru 163) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq, f'isem il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija. Kien intlaħaq qbil dwar din l-emenda matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq. Ma tressqet ebda emenda oħra.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

II. VOT

Meta vvotat fis-27 ta' April 2021, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda numru 163) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-risoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu kif tidher fl-Anness għal dan id-dokument².

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru preċedentement bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġiżlattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'tipa ***grassa u bil-korsiv***. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

P9_TA(2021)0126

L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija *I**

Risoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' April 2021 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (riformulazzjoni) (COM(2019)0331 – C9-0042/2019 – 2019/0151(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja – riformulazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2019)0331),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 173(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0042/2019),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-30 ta' Ottubru 2019¹,
- wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Regġuni,
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 fuq l-użu aktar strutturat tat-teknika ta' kitba mill-ġdid tal-atti legali²,
- wara li kkunsidra l-ittra tal-10 ta' Jannar 2020 tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali indirizzata lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija skont l-Artikolu 110(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill fl-ittra tas-17 ta' Frar 2021 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 110 u 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni,

¹ ĠU C 47, 11.2.2020, p. 69.

² ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1.

- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A9-0120/202s0),
- A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta tal-Kummissjoni ma tinkludi ebda tibdil sostanzjali ħlief dak identifikat bħala tali fil-proposta u billi, f'dak li jikkonċerna l-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula tal-atti preċedenti flimkien ma' dan it-tibdil, il-proposta tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tal-atti eżistenti mingħajr tibdil sostanzjali;
- 1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt, filwaqt li jikkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;
- 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sostanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sostanzjali;
- 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-27 ta' April 2021 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (riformulazzjoni)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 173(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni **II** ,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja²,

¹ ĠU C 47, 11.2.2020, p. 69.

² *Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' April 2021.*

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 294/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ ġie emendat b'mod sostanzjali². Peress li għandhom isiru iżjed emendi, jenħtieġ li dak ir-Regolament jiġi riformulat fl-interess taċ-ċarezza.
- (2) *L-evalwazzjonijiet perjodiċi indipendenti tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) u l-esperjenza fl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 294/2008 juru li huma meħtieġa bidliet sostanzjali biex ikomplu jtejbu l-mudell tal-EIT u l-proċessi sottostanti tiegħu. Barra minn hekk, l-evalwazzjoni interim u l-valutazzjoni tal-impatt ex ante tal-EIT identifikaw għadd ta' oqsma għal titjib, fost l-oħrajn il-mudell ta' finanzjament tal-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI), l-integrazzjoni tal-KKI fl-ekosistemi tal-innovazzjoni lokali, il-ftuħ u t-trasparenza tal-KKI u l-monitoraġġ mill-EIT. Dan ir-Regolament joffri wkoll l-opportunità li dawk l-aspetti jiġu indirizzati.*
- (3) L-Istati Membri huma responsabbli primarjament għas-sostenn ta' bażi Ewropea soda, industrijali, kompetittiva u innovattiva. Madankollu, in-natura u d-daqs tal-isfida tal-innovazzjoni ■ jeħtieġu wkoll li tittieħed azzjoni b'mod **kollaborattiv** fil-livell tal-Unjoni.

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 294/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 1).

² Ara l-Anness II.

- (4) L-EIT **huwa** stabbilit biex jikkomplementa l-politiki u l-inizjattivi tal-Unjoni u nazzjonali eżistenti permezz tat-trawwim tal-integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien – l-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni – mal-Unjoni kollha.
- (5) ***L-EIT jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri sabiex jiġu indirizzati l-isfidi l-kbar li tiffaċċja s-soċjetà, u b'hekk jikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku u l-kompetittività sostenibbli tal-Unjoni.***

- (6) **L-EIT, permezz tal-KKI, jenħtieġ li jkollu l-għan li jsahha l-ekosistemi tal-innovazzjoni madwar l-Unjoni b'mod miftuħ u trasparenti.** Biex jilħaq dak l-objettiv, l-EIT jenħtieġ li jiffaċilita u jsahha in-networking, ***l-integrazzjoni*** u l-kooperazzjoni u ***jippromwovi*** sinerġiji bejn il-komunitajiet differenti tal-innovazzjoni fl-Ewropa ***kollha. L-EIT għandu wkoll l-għan li jwettaq il-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni u jikkontribwixxi għat-twettiq tal-objettivi u l-politiki tal-Unjoni, inklużi dawk imsemmija fil-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, tas-27 ta' Mejju 2020 dwar il-baġit tal-UE li jmexxi l-pjan ta' rkupru għall-Ewropa (Pjan ta' Rkupru għall-Ewropa), tad-19 ta' Frar 2020 dwar strateġija Ewropea għad-data, tal-10 ta' Marzu 2020 dwar Strateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali u tal-10 ta' Marzu 2020 dwar Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa, u dawk relatati mal-kisba tal-awtonomija strateġika tal-Unjoni, filwaqt li tinżamm ekonomija miftuħa. Barra minn hekk, l-EIT jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-indirizzar tal-isfidi globali, inklużi l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti billi jsegwi l-prinċipji tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli (l-"Aġenda 2030") u l-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima¹ (Il-'Ftehim ta' Pariġi'), u għall-kisba ta' tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet żero netti ta' gassijiet serra (GHG) sa mhux aktar tard mill-2050. It-tranżizzjoni tkun possibbli biss permezz ta' spinta fir-riċerka u l-innovazzjoni, li tissottolinja l-ħtieġa li jiġu rinfurzati kundizzjonijiet favorevoli u investimenti fit-tisħiħ tal-bażi tal-għarfien tal-Ewropa u l-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Ewropa, b'mod partikolari f'teknoloġiji u innovazzjonijiet ekoloġiċi li ma jagħmlux ħsara lill-klima.***

¹ ***ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.***

- (7) ***L-EIT jenħtieġ li jtejjeb il-ftuħ tal-KKI sabiex isaħħaħ ir-rabtiet kollaborattivi u joħloq sinerġiji bejn il-komunitajiet tal-innovazzjoni differenti fl-Ewropa, u b'hekk jiffaċilita d-diversità ġeografika u ċ-ċirkolazzjoni tat-talenti.***
- (8) L-oqsma prijoritarji u l-ħtiġijiet finanzjarji tal-EIT għal perjodu ta' seba' snin, li jkopru l-qafas finanzjarju pluriennali (il-QFP) rilevanti, jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'Aġenda Strateġika tal-Innovazzjoni (l-ASI). L-ASI jenħtieġ li tkun allinjata ma' ***Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (Orizzont Ewropa), stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, inkluż fir-rigward tar-rappurtar, monitoraġġ, evalwazzjoni u rekwiżiti oħra stabbiliti f'dak ir-Regolament, u jenħtieġ li tqis l-ippjanar strateġiku ta' Orizzont Ewropa. L-ASI jenħtieġ li tistabbilixxi u trawwem sinerġiji ma' partijiet oħra ta' Orizzont Ewropa, ma' programmi rilevanti oħra tal-Unjoni tal-QFP u inizjattivi, politiki u strumenti rilevanti oħra tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali, b'mod partikolari ma' dawk li jappoġġjaw ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet, l-industrija sostenibbli u kompetittiva, l-intraprenditorija u l-iżvilupp reġjonali.*** Minħabba l-importanza tal-ASI għall-politika tal-innovazzjoni tal-Unjoni u l-impatt soċjoekonomiku ***mistenni*** fuq l-Unjoni, l-ASI jenħtieġ li tiġi adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni. Dik il-proposta tal-Kummissjoni jenħtieġ li tkun ibbażata fuq kontribuzzjoni pprovduta mill-EIT. ***Dik il-kontribuzzjoni jenħtieġ li tkun disponibbli għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill.***

¹ ***Ir-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni fih u t-tixrid tiegħu, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU ...).***

⁺ ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD) u daħħal in-numru, id-data, u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna.***

- (9) *Il-kriżi li rriżultat mit-tifqigħa tal-COVID-19 ikkawżat tfixkil enormi fis-sistemi ekonomiċi u tal-kura tas-saħħa tal-Istati Membri. Il-kollaborazzjoni tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni se jkunu meħtieġa biex jingħelbu l-impatti soċjali, ekonomiċi, ambjentali u teknoloġiċi mill-kriżi. L-EIT u l-KKI jenħtieġ li jirrispondu bi flessibbiltà għall-isfidi u l-prijoritajiet eżistenti kif ukoll għal dawk ġodda u mhux mistennija, u jenħtieġ li jkunu jistgħu jadottaw miżuri u inizjattivi biex jipprovdu appoġġ xieraq lill-ekosistemi tagħhom. B'mod partikolari, l-EIT u l-KKI jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-isforzi ta' innovazzjoni li huma meħtieġa biex jiġi indirizzat l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19, skont il-prijoritajiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Pjan ta' Rkupru għall-Ewropa, l-Istrateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa u l-SDGs, filwaqt li tiġi żgurata sinerġija ma' inizjattivi u sħubijiet oħra tal-Unjoni.*

- (10) Skont ***ir-Regolament (UE) 2021/...***⁺, l-attivitajiet tal-EIT jenħtieġ li jindirizzaw sfidi strateġiċi fit-tul ■, b'mod partikolari f'oqsma transdixxiplinari u/jew interdixxiplinari, inkluż ***l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi mhux teknoloġiċi bħala komplement meħtieġ għal attivitajiet tal-innovazzjoni ffukati fuq it-teknoloġija***. F'dan ir-rigward, l-EIT jenħtieġ li jippromwovi djalogu regolari mas-soċjetà ċivili, ***l-organizzazzjonijiet ta' riċerka, iċ-ċentri ta' innovazzjoni, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (l-SMEs), l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u r-rappreżentanti tal-industrija***.
- (11) L-EIT jenħtieġ li, ***permezz tal-KKI***, jagħti prijorità lit-trasferiment tal-attivitajiet tiegħu tal-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni ***u tal-intraprenditorija*** lill-kuntest tan-negozju u lill-applikazzjoni kummerċjali tagħhom ***u jappoġġja l-kapaċità tal-innovazzjoni u tal-intraprenditorija tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u l-ħolqien u l-iżvilupp ta' negozji innovattivi, b'mod komplimentari mal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC), kif ukoll il-partijiet rilevanti l-oħra ta' Orizzont Ewropa u l-Programm InvestEU stabbilit bir-Regolament (EU) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***¹.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30).

- (12) **■** L-EIT jenħtieġ li jopera permezz ta' Sħubijiet Ewropej *Istituzzjonalizzati* mmexxija mill-eċċellenza tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, organizzazzjonijiet tar-riċerka, kumpaniji u partijiet ikkonċernati oħra, *inklużi SMEs u kumpaniji pubbliċi, kif ukoll awtoritajiet lokali, intrapriżi soċjali, organizzazzjonijiet rilevanti mingħajr skop ta' qligħ u partijiet ikkonċernati oħra. Minħabba n-natura innovattiva ta' ċerti intrapriżi fir-rigward tal-prodotti jew is-servizzi li joffru, l-organizzazzjoni tagħhom jew il-metodi ta' produzzjoni li jużaw, il-promozzjoni tal-intraprenditorija soċjali u involviment aktar mill-qrib tal-SMEs u l-intrapriżi soċjali li jiżgura l-parteċipazzjoni attiva tagħhom jenħtieġ li jiġu segwiti.* Dawk is-sħubijiet jenħtieġ li *jimmiraw li jsiru finanzjarjament sostenibbli billi jużaw fondi minn sorsi pubbliċi u privati oħra u li jattiraw u jinvolvu l-aktar firxa possibbli ta' sħab ġodda. Huma jenħtieġ li jintgħażlu u jinħatru bħala KKI mill-Bord tat-Tmexxija, skont l-oqsma ta' priorità u l-iskeda ta' żmien stabbiliti fl-ASI, filwaqt li jiġqiesu l-prioritajiet kif stabbiliti fl-ippjanar strateġiku ta' Orizzont Ewropa, bl-għan li jiġu indirizzati l-isfidi globali u soċjali emerġenti. Dawn jenħtieġ li jintgħażlu abbażi ta' proċess kompetittiv, miftuħ, trasparenti u bbażat fuq l-eċċellenza, skont dan ir-Regolament u l-kriterji għall-għażla tas-Sħubijiet Ewropej stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/...⁺. L-ewwel KKI ta' dan it-tip, li għandha titnieda mill-aktar fis possibbli fl-2022 jew fl-2023, jenħtieġ li tkun relatata mas-Setturi u l-Industriji Kulturali u Kreattivi, u t-tieni KKI ta' dan it-tip, li għandha titnieda fl-2026, jenħtieġ li tkun relatata mas-Setturi u l-Ekosistemi tal-Ilma, tal-Baħar u Marittimi.*
- (13) Filwaqt li titqies l-ispeċifità tal-KKI, hu meħtieġ li jiġu previsti kundizzjonijiet minimi speċjali biex tiġi ffurmata KKI, b'deroga mir-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni ta' *Orizzont Ewropa*. Bl-istess mod, jaf ikun hemm bżonn regoli speċifiċi dwar is-sjieda, id-drittijiet tal-aċċess, l-isfruttament u d-disseminazzjoni għall-attivitajiet ta' valur miżjud tal-KKI, *fejn ikun xieraq.*

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).

- (14) Il-Bord tat-Tmexxija jenħtieġ li jmexxi u jimmonitorja **l-attivitajiet tal-EIT u *jkun responsabbli għall-għażla, id-deżinjazzjoni, il-finanzjament***, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-KKI skont ***ir-Regolament (UE) 2021/...***⁺ u ***l-ASI***. Meta taħtar il-membri tal-Bord tat-Tmexxija, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura rappreżentanza bbilanċjata ta' dawk b'esperjenza ***fl-oqsma tal-edukazzjoni*** għolja, ir-riċerka, ***l-innovazzjoni jew in-negozju***, kif ukoll ***il-bilanċ bejn il-ġeneri u l-kopertura ġeografika, bl-eċċellenza bħala prinċipju gwida***.
- (15) ***L-EIT jenħtieġ li jorganizza monitoraġġ kontinwu u evalwazzjonijiet perjodiċi indipendenti esterni tal-output, tar-riżultati u tal-impatt ta' kull KKI, inkluż il-progress tagħhom lejn is-sostenibbiltà finanzjarja, il-kosteffiċjenza u l-ftuħ għal membri ġodda. Dawk l-evalwazzjonijiet jenħtieġ li, jinkludu rieżamijiet interim li jkopru l-ewwel tliet snin tal-ftehim ta' sħubija u t-tliet snin wara kwalunkwe estensjoni, valutazzjonijiet komprensivi mwettqa qabel tmiem is-seba' sena tal-ftehim ta' sħubija, u rieżamijiet finali mwettqa qabel tmiem il-ftehim ta' sħubija. Il-Bord tat-Tmexxija jenħtieġ li jieħu miżuri korrettivi fir-rigward tal-KKI meta jkun xieraq.***

+

ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).

- (16) *L-EIT jenħtieġ li jinforma regolarment lill-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri (MSRG) dwar il-prestazzjoni, il-kisbiet u l-attivitajiet tal-EIT u tal-KKI, ir-riżultati tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tagħhom, u l-indikaturi tal-prestazzjoni u l-miżuri korrettivi tagħhom. Jenħtieġ li l-MSRG jagħti pariri lill-Bord tat-Tmexxija u lid-Direttur dwar kwistjonijiet strateġikament importanti u jenħtieġ li jagħti pariri u jikkondividi l-esperjenza mal-EIT u mal-KKI. L-EIT jenħtieġ li jorganizza l-laqgħat tal-MSRG.*
- (17) Biex jikkontribwixxu għall-kompetittività u jirrinforzaw l-attrazzjoni internazzjonali tal-ekonomija Ewropea u l-kapaċità tal-innovazzjoni **u tal-intraprenditorija** tagħha, l-EIT u l-KKI jenħtieġ li jkunu kapaċi jattiraw organizzazzjonijiet sħab, riċerkaturi u studenti minn madwar **l-Unjoni** kollha, **inkluż mir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni, u lil hinn, bħal pereżempju** billi jħeġġu l-mobbiltà tagħhom ■ .

- (18) Ir-relazzjonijiet bejn l-EIT u l-KKI jenħtieġ li jkunu bbażati fuq ftehimiet ■ ta' sħubija u ftehimiet ta' għotja, li jistabbilixxu d-drittijiet u l-obbligi tal-KKI u kontribuzzjoni finanzjarja ***bbażata fuq il-prestazzjoni*** tal-EIT lill-KKI ■ . ***Sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv fuq il-KKI u jiġu żgurati aktar riżorsi u attivitajiet ta' ppjanar fit-tul, l-EIT jenħtieġ li jikkonkludi ftehimiet ta' għotja pluriennali sa tliet snin mal-KKI, jew, fejn jitqies li jkun aktar xieraq, ftehimiet ta' għotja annwali.*** B'deroga mir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ (ir-"Regolament Finanzjarju"), l-EIT jenħtieġ li jkun jista' jistabbilixxi tali ftehim ■ ta' sħubija għal perjodu inizjali ta' seba' snin u, ***soġġett għal prestazzjoni pożittiva u riżultati pożittivi tar-rieżami interim u tal-valutazzjoni komprensiva tal-KKI***, jestendih għal perjodu ieħor ta' mhux aktar minn seba' snin. ***Wara l-iskadenza tal-ftehim ta' sħubija, l-EIT u l-KKI jistgħu jikkonkludu memorandum ta' kooperazzjoni bil-għan li tinżamm kooperazzjoni attiva.***

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE, u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

- (19) L-edukazzjoni għolja teħtieġ is-sostenn bħala komponent integrali, iżda ħafna drabi nieqes, ***tat-triangolu tal-għarfien***. L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja parteċipanti u l-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jenħtieġ li jagħtu lawrji u diplomi permezz tal-KKI ***skont ir-regoli nazzjonali u l-proċeduri ta' akkreditazzjoni***. Il-ftehimiet ■ ta' sħubija, il-ftehimiet ta' għotja ***u l-memoranda ta' kooperazzjoni*** bejn l-EIT u l-KKI jenħtieġ li jipprevedu li ***dawk il-lawrji u d-diplomi*** jiġu indikati wkoll bħala lawrji u diplomi tal-EIT. Barra minn hekk, l-EIT jenħtieġ li jsaħħaħ ***il-promozzjoni*** tal-lawrji u d-diplomi bit-tikketta tal-EIT sabiex iżid ir-rikonoxximent tagħhom barra mill-Komunità tal-EIT ***u jestendi l-użu tagħhom għal programmi ta' tagħlim tul il-ħajja, taħriġ vokazzjonali, taħriġ tal-ħiliet, taħriġ mill-ġdid u programmi ta' titjib tal-ħiliet***. Permezz tal-attivitajiet u l-ħidma tiegħu, l-EIT jenħtieġ li, skont id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, jgħin jippromwovi l-mobbiltà għall-istudenti, ir-riċerkaturi u l-persunal, ***kif ukoll jipprovdi opportunitajiet għal tagħlim tul il-ħajja, mentoring u coaching***.
- (20) Jenħtieġ li jiġu adottati dispożizzjonijiet adattati li jiggarrantixxu r-responsabbiltà, ***il-ftuħ*** u t-trasparenza tal-EIT. Jenħtieġ li fl-Istatuti tal-EIT jiġu stabbiliti regoli adattati li jirregolaw il-governanza u l-funzjonament tiegħu.

¹ Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22).

- (21) L-EIT jenħtieġ li jkollu personalità ġuridika u, biex tkun żgurata l-awtonomija u l-indipendenza funzjonali tiegħu mill-awtoritajiet nazzjonali u minn pressjonijiet esterni, dan jenħtieġ li jamministra l-baġit tiegħu stess li d-dħul tiegħu jenħtieġ li jinkludi kontribuzzjoni tal-Unjoni.
- (22) Huwa mistenni li l-industrija, kif ukoll is-setturi finanzjarji u tas-servizzi jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-baġit tal-KKI. Il-KKI jenħtieġ li, ***b'mod partikolari***, jimmiraw li ***jimmassimizzaw*** is-sehem tal-kontribuzzjonijiet minn sorsi privati u ***mid-dħul iġġenerat mill-attivitajiet tagħhom u li jsegwu u jiksbu*** s-sostenibbiltà finanzjarja, ***sa mhux aktar tard mill-iskadenza ta' 15-il sena ta' appoġġ finanzjarju mill-EIT***. Il-KKI u l-organizzazzjonijiet sħab tagħhom jenħtieġ li jippubbliċizzaw il-fatt li l-attivitajiet tagħhom iseħħu fil-kuntest tal-EIT u li dawn jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-baġit ġenerali tal-Unjoni . ***Barra minn hekk, it-trasparenza tal-finanzjament jenħtieġ li tiżdied billi tiġi pprovduta informazzjoni pubblikament disponibbli dwar liema proġetti huma ffinanzjati u dwar l-allokazzjoni tal-finanzjament***.
- (23) Il-proċedura baġitarja tal-Unjoni jenħtieġ li tkun applikabbli għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni li tkun imħallsa mill-baġit ġenerali tal-Unjoni. L-awditjar tal-kontijiet jenħtieġ li tagħmlu l-Qorti tal-Awdituri skont ir-Regolament Finanzjarju.

- (24) *L-EIT jenħtieġ li jagħmel l-aħjar sforzi biex jiffaċilita tranżizzjoni bla xkiel bejn il-perjodi tal-QFP, b'mod partikolari għall-attivitajiet li jkun għaddejnin.*
- (25) *Id-dħul tal-EIT jenħtieġ li jinkludi l-kontribuzzjoni mill-Unjoni pprovduta mill-kontribuzzjoni finanzjarja minn Orizzont Ewropa. Dak id-dħul jenħtieġ li jkun jista' jinkludi kontribuzzjonijiet minn sorsi privati u pubbliċi oħra.*
- (26) L-EIT huwa korp stabbilit mill-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 70 tar-Regolament Finanzjarju u jenħtieġ li jadotta r-regoli finanzjarji tiegħu skont dan. Konsegwentement, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715¹ jenħtieġ li japplika għall-EIT.
- (27) L-EIT jenħtieġ li jadotta rapport annwali konsolidat tal-attività, li jiddeskrivi l-attivitajiet imwettqa u r-risultati tal-operazzjonijiet fis-sena kalendarja preċedenti. L-EIT jenħtieġ li jadotta wkoll dokument uniku ta' programmazzjoni, ***ibbażat fuq l-ASI, skont ir-regoli finanzjarji tiegħu***, li jiddeskrivi ***l-inizjattiva ppjanata*** tiegħu mil-lat ta' programmazzjoni annwali u pluriennali u li jippermetti lill-EIT jirreaġixxi għal żviluppi interni u esterni fl-oqsma ***tar-riċerka, tas-soċjetà***, tat-teknoloġija, tal-edukazzjoni għolja, tal-innovazzjoni u ta' oqsma rilevanti oħrajn. ***Jenħtieġ li dak id-dokument uniku ta' programmazzjoni jiġi trażmess lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal skopijiet ta' informazzjoni.***

¹ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1).

- (28) *Sa mill-ħolqien tiegħu, l-EIT ibbenefika mill-għarfien espert tal-persunal tiegħu. Madankollu, minħabba l-qafas ġuridiku applikabbli skont ir-Regolament (KE) Nru 294/2008, xi wħud minn dawk il-kuntratti tal-persunal skadew mingħajr il-possibbiltà ta' tiġdid. Sabiex tiġi evitata sitwazzjoni bħal din fil-futur, u minħabba l-importanza tal-għarfien espert uman għas-suċċess tal-attivitajiet tal-EIT, ikun fl-aħjar interessi tal-EIT li jagħmel kull sforz, fi ħdan il-qafas ġuridiku applikabbli, biex jattira u jżomm persunal ikkwalfikat.*
- (29) Huwa xieraq li l-Kummissjoni tibda evalwazzjonijiet indipendenti u esterni tal-operat tal-EIT, inklużi *l-attivitajiet immaniġġjati permezz* tal-KKI, b'mod partikolari bil-ħsieb li tħejji l-ASI. Dawk l-evalwazzjonijiet jenħtieġ li jeżaminaw kif l-EIT jissodisfa l-missjoni u l-oġettivi tiegħu u jkopru l-attivitajiet tal-EIT u tal-KKI. Jenħtieġ li jivvalutaw *il-valur miżjud tal-Unjoni tal-EIT, l-impatt madwar l-Unjoni u l-impatt tal-attivitajiet tal- Iskema ta' Innovazzjoni Reġjonali (RIS), il-ftuħ, l-effikaċja, l-effiċjenza, l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, il-komunikazzjoni, il-viżibbiltà, id-disseminazzjoni tar-riżultati, ir-rilevanza tal-attivitajiet segwiti u jekk humiex konsistenti ma' politiki nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti, inkluż kwalunkwe sinerġija ma' partijiet oħra ta' Orizzont Ewropa.* Dawk l-evalwazzjonijiet jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-evalwazzjonijiet *ta' Orizzont Ewropa* mwettqa mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2021/....⁺.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).

- (30) *L-EIT jenħtieġ li jagħmel l-aħjar sforzi biex jissimplifika t-terminoloġija relatata mal-istruttura ta' kull KKI, bil-għan li jkompli jissimplifika u jsaħħaħ ir-rikonoxxibbilità tal-EIT.*
- (31) *Sabiex jikkontribwixxi għall-indirizzar tad-disparitajiet fl-innovazzjoni fl-Ewropa, l-EIT jenħtieġ li, b'mod partikolari permezz tal-Iskema ta' Innovazzjoni Reġjonali (RIS), kif stabbilit ulterjorment fl-ASI, jappoġġja l-kapaċità ta' innovazzjoni tal-pajjiżi u r-reġjuni, jimmira li jsaħħaħ l-ekosistemi tal-innovazzjoni biex jiġu indirizzati l-isfidi globali u jintegra organizzazzjonijiet sħab ġodda fil-KKI.*
- (32) *Il-KKI, filwaqt li jaġixxu bħala faċilitatur tal-innovazzjoni, jenħtieġ li jikkunsidraw il-prijoritajiet tal-istrateġija tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti tal-Istati Membri u jsaħħu l-kapaċità tal-innovazzjoni tagħhom billi jirriflettu b'mod sħiħ il-kapaċitajiet reġjonali u l-punti b'saħħithom, l-opportunitajiet, id-dgħufijiet, kif ukoll l-atturi lokali u l-attivitajiet u s-swieq tagħhom.*

- (33) *Huwa essenzjali li jiġu promossi sinerġiji b'saħħithom bejn l-EIT u l-EIC. Jenħtieġ li l-KKI jstimulaw il-ħolqien ta' negozji innovattivi f'sinerġija mill-qrib mal-EIC, filwaqt li jevitaw id-duplikazzjoni, u l-benefiċjarji tal-EIT jenħtieġ li jkunu jistgħu japplikaw l-istrumenti tal-EIC għal appoġġ addizzjonali għas-servizzi pprovduti mill-KKI. B'mod partikolari, in-negozji ġodda b'potenzjal ta' tkabbir għoli appoġġjati mill-KKI jenħtieġ li jkollhom aċċess simplifikat u b'hekk aktar mgħaġġel għall-azzjonijiet tal-EIC skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2021/...⁺ sabiex jingħataw għajnuna biex jespandu malajr, filwaqt li l-benefiċjarji tal-EIC jenħtieġ li jibbenefikaw mill-iskemi ta' appoġġ ipprovduti mill-EIT. Sabiex tiġi evitata l-kompartimentalizzazzjoni u jiġu promossi s-sinerġiji u l-kollaborazzjoni, l-EIT u l-EIC jenħtieġ li jipprevedu skambji ta' informazzjoni reċiproċi u sistematiċi. Fejn rilevanti, il-Bord tat-Tmexxija jenħtieġ li jkun jista' jistieden lill-membri tal-Bord tal-EIC għal-laqgħat tiegħu bħala osservaturi.*

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).

- (34) *Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-attivitajiet tal-EIT u tal-KKI skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2021/...⁺, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ b'urġenza u jenħtieġ li japplikaw ċerti dispożizzjonijiet tiegħu, b'effett retroattiv, mill-1 ta' Jannar 2021.*
- (35) Ladarba l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri iżda jistgħu minflok, għal raġunijiet ta' skala u ta' transnazzjonalità, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex daww l-oġġettivi jintlaħqu.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

⁺ *ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).*

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT).

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "innovazzjoni" tfisser il-proċess, inkluż l-eżitu tiegħu, li permezz tiegħu jiddaħħlu ideat ġodda b'suċċess f'suq eżistenti li jkunu jirrispondu għad-domanda u l-ħtiġijiet tas-soċjetà, ekonomiċi *jew ambjentali* u li jkunu jiġġeneraw prodotti, *proċessi*, servizzi jew mudelli tan-negozju, organizzattivi u *soċjali* jew li jkunu kapaċi joħlqu swieq ġodda u li jipprovdu ċertu valur lis-soċjetà;
- (2) "Komunità ta' Konoxxenza u Innovazzjoni" jew "KKI" tfisser Sħubija Ewropea *Istituzzjonalizzata* fuq skala kbira, *kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2021/...*⁺, ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, organizzazzjonijiet tar-riċerka, kumpaniji u partijiet ikkonċernati oħra fil-proċess tal-innovazzjoni fil-forma ta' network strateġiku, irrISPettivament mill-forma ġuridika tagħha, ibbażata fuq ippjanar konġunt tal-innovazzjoni għal perjodu medju u fit-tul biex jingħelbu l-isfidi tal-EIT u jingħata kontribut ħalli jintlaħqu l-oġġettivi stabbiliti skont *ir-Regolament (UE) 2021/...*⁺;

⁺ *ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).*

- (3) *"ċentru ta' kolokazzjoni" tfisser ċentru fiżiku, stabbilit b'mod miftuħ u trasparenti, li jippromwovi rabtiet bejn l-atturi tat-triangolu tal-għarfien u kollaborazzjoni attiva bejniethom u jaġixxi bħala punt fokali għall-iskambju tal-għarfien u li permezz tiegħu s-sħab tal-KKI jkunu jistgħu jaċċessaw il-faċilitajiet u l-għarfien espert meħtieġ biex isegwu l-oġettivi komuni tagħhom;*
- (4) *"ċentru tal-RIS" tfisser ċentru fiżiku, stabbilit b'KKI u li jifforma parti mill-istruttura tagħha, fi Stat Membru jew f'pajjiż assoċjat fil-mira tal-RIS li jservi bħala punt fokali għall-attivitajiet tal-KKI u għall-mobilizzazzjoni u l-involviment ta' atturi tat-triangolu tal-għarfien lokali fl-attivitajiet tal-KKI;*
- (5) "organizzazzjoni sieħba" tfisser entità ġuridika li hija membru ta' KKI u li tista' tinkludi, b'mod partikolari, istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, organizzazzjonijiet tar-riċerka, **istituzzjonijiet** pubbliċi, kumpaniji **pubbliċi** jew privati, istituzzjonijiet finanzjarji, awtoritajiet reġjonali u lokali, fondazzjonijiet u organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ;
- (6) "organizzazzjoni tar-riċerka" tfisser entità ġuridika pubblika jew privata li fost l-oġettivi ewlenin tagħha twettaq żvilupp tar-riċerka jew teknoloġiku;

- (7) "istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja" jew "HEI" tfisser università jew xi tip ta' istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja li, skont id-dritt jew il-prassi nazzjonali, joffru lawrji u diplomi b'mod partikolari fil-livell ta' masters jew dottorat, irrispettivament mid-denominazzjoni tagħha fil-kuntest nazzjonali;
- (8) "Komunità tal-EIT" tfisser l-EIT u l-komunità attiva tal-individwi u l-entitajiet ġuridiċi li bbenefikaw jew jibbenefikaw **mill-appoġġ jew** mill-kontribuzzjoni finanzjarja tal-EIT;
- (9) "L-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni" jew l-"ASI" tfisser ***att li jistabbilixxi*** l-oqsma ta' prijetà u l-istrateġija ■ tal-EIT għall-inizjattivi futuri, il-kapaċità tal-EIT li tiġġenera l-aqwa valur miżjud tal-innovazzjoni, ***objettivi, azzjonijiet ewlenin, il-mod ta' kif taħdem, ir-riżultati mistennija*** u l-impatt tal-EIT, kif ukoll stima ***tar-riżorsi meħtieġa*** għall-perjodu tal-***Orizzont Ewropa u*** tal-QFP ■ ;
- (10) "L-Iskema tal-Innovazzjoni Reġjonali" jew l-"RIS" tfisser skema ***li trawwem l-integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien u l-kapaċità tal-innovazzjoni tal-pajjiżi, (u r-reġjuni f'dawk il-pajjiżi) li huma kklassifikati bħala innovaturi "moderati" jew "modesti" fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea kif imsemmi fl-ASI u tar-reġjuni ultraperiferiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), b'mod partikolari billi tattira u tintegra sħab ġodda fil-KKI u tnaqqas id-disparitajiet reġjonali, u b'hekk tnaqqas id-distakk fl-innovazzjoni;***

- (11) "forum tal-partijiet ikkonċernati" tfisser pjattaforma miftuħa għar-rappreżentanti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, entitajiet individwali jew ta' interess organizzat mid-dinja tan-negozju, tal-edukazzjoni għolja, tar-riċerka, assoċjazzjonijiet, is-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet raggruppati, kif ukoll partijiet ikkonċernati oħra min-naħa tat-triangolu tal-għarfien;
- (12) "pjan ta' direzzjoni tan-negozju tal-KKI" tfisser ***dokument anness mal-ftehim ta' għotja li jkopri perjodu ta' mhux aktar minn tliet snin***, li jiddeskrivi l-oġettivi ***tal-KKI, il-mod li bih għandhom jinkisbu, ir-riżultati mistennija***, l-attivitajiet ta' valur miżjud tal-KKI ppjanati ***u l-ħtiġijiet u r-riżorsi finanzjarji relatati, inklużi l-azzjonijiet li għandhom l-għan li jiksbu s-sostenibbiltà finanzjarja u jżidu l-ftuħ tal-KKI għal sħab ġodda minn madwar l-Unjoni***;
- (13) "attivitajiet ta' valur miżjud tal-KKI" tfisser attivitajiet imwettqa minn organizzazzjonijiet sħab **■** skont il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju tal-KKI, li jkunu jikkontribwixxu għall-integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien tal-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni, inklużi l-attivitajiet tal-istabbiliment, tal-amministrazzjoni u tal-koordinazzjoni tal-KKI, u li jikkontribwixxu għall-oġettivi ġenerali tal-EIT;

- (14) *"attività trasversali tal-KKI" tfisser attività li għandhom l-għan li jsaħħu l-kooperazzjoni u s-sinerġiji bejn il-KKI, li jrawmu approċċ aktar interdixxiplinari u li jgħolqu massa kritika fost il-KKI biex jindirizzaw suġġetti ta' interess komuni;*
- (15) *"memorandum ta' kooperazzjoni" tfisser ftehim bejn l-EIT u KKI, bil-ħsieb li KKI tibqa' membru attiv tal-Komunità tal-EIT wara l-iskadenza tal-ftehim ■ ta' sħubija, u li jinkludi l-kundizzjonijiet għall-aċċess għas-sejthiet kompetittivi tal-EIT għal xi attività speċifiċi u attività transnazzjonali b'valur miżjud għoli tal-Unjoni;*
- (16) *"sostenibbiltà finanzjarja" tfisser il-kapaċità ta' KKI li tiffinanzja l-attività tat-triangolu tal-għarfien tagħha indipendentement mill-kontribuzzjonijiet mill-EIT.*

Artikolu 3
Missjoni u objettivi

1. Il-missjoni tal-EIT hi li jikkontribwixxi għal tkabbir u kompetittività ekonomika sostenibbli fl-Unjoni, bit-tisħiħ tal-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri ħalli jingħelbu l-isfidi l-kbar li tiffaċċja s-soċjetà **■** . Dan għandu jagħmlu billi jippromwovi sinerġiji, ***integrazzjoni*** u kooperazzjoni fost l-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni tal-aqwa standards **■** , inkluż permezz tat-trawwim tal-intraprenditorija, ***u b'hekk isaħħaħ l-ekosistemi tal-innovazzjoni madwar l-Unjoni b'mod miftuħ u trasparenti. L-EIT għandu wkoll iwettaq il-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni u jikkontribwixxi għat-twettiq tal-objettivi u l-politiki tal-Unjoni, inklużi l-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Pjan ta' Rkupru Ewropew, l-Istrateġija Ewropea għad-Data, l-Istrateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali u l-Istrateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa u dawk relatati mal-kisba tal-awtonomija strateġika tal-Unjoni, filwaqt li tinżamm ekonomija miftuħa. Barra minn hekk, huwa għandu jikkontribwixxi għall-indirizzar tal-isfidi globali, inklużi l-SDGs, billi jsegwi l-prinċipji tal-Aġenda 2030 u l-Ftehim ta' Pariġi, u jikseb ekonomija b'emissjonijiet żero netti ta' gassijiet serra sa mhux aktar tard mill-2050.***
2. ***Għall-perjodu baġitarju tal-2021-2027, l-EIT għandu jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-objettivi ġenerali u speċifiċi ta' Orizzont Ewropa billi jqis b'mod sħiħ l-ippjanar strateġiku tiegħu.***

Artikolu 4

L-ASI

1. L-ASI għandha tistabbilixxi l-oqsma prijoritarji u l-istrateġija tal-EIT għall-perjodu ta' seba' snin ikkonċernat, ***skont l-oġettivi u l-prijoritajiet ta' Orizzont Ewropa stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/...***⁺, u għandha tinkludi valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomiku ***mistenni*** tal-EIT, ***l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tagħha*** u l-kapaċità tagħha li tiġġenera l-aqwa valur miżjud tal-innovazzjoni. L-ASI għandha ***tkun allinjata mar-rapportar, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni u rekwiżiti oħra stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/...***⁺ u ***għandha*** tqis ir-riżultati tal-monitoraġġ kontinwu u l-evalwazzjoni indipendenti perijodika tal-EIT kif imsemmi fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament.
2. L-ASI għandha ***tqis*** l-ippjanar ***■*** strateġiku ***ta' Orizzont Ewropa filwaqt li tiżgura l-koerenza mal-isfidi*** ta' dak il-programm, ***kif ukoll il-komplementarjetà mal-EIC stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/...***⁺, u għandha ***■*** tistabbilixxi ***u trawwem*** sinerġiji u komplementarjetajiet adatti bejn attivitajiet tal-EIT u programmi ***rilevanti*** oħra tal-Unjoni, ***nazzjonali u reġjonali li jappoġġjaw ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet, l-industrija sostenibbli u kompetittiva, l-intraprenditorija u l-iżvilupp reġjonali.***

⁺ ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).***

3. L-ASI għandha tinkludi stima tal-ħtiġijiet u s-sorsi finanzjarji bil-ħsieb tal-operat futur, u l-iżvilupp u l-finanzjament fit-tul tal-EIT. Għandha tinkludi wkoll pjan finanzjarju indikattiv li jkopri l-perjodu tal-QFP rilevanti.
4. L-EIT, *wara li jikkonsulta lill-KKI eżistenti u jqis l-opinjonijiet tagħhom, għandu jħejji* kontribut għall-proposta tal-Kummissjoni dwar l-ASI *u jissottomettih lill-Kummissjoni; Il-kontribut tal-EIT għandu jsir disponibbli għall-pubbliku.*
5. Filwaqt li jaġixxu fuq il-proposta tal-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jadottaw l-ASI skont l-Artikolu 173(3) tat-TFUE.

Artikolu 5

Il-korpi tal-EIT *u l-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri*

1. Il-korpi tal-EIT għandhom *jinkludu dawk stabbiliti f'dan il-paragrafu.*

Bord tat-Tmexxija *għandu jkun* magħmul minn membri ta' livell għoli b'esperjenza ppruvata *fl-oqsma tal-edukazzjoni* għolja, ir-riċerka, l-innovazzjoni *jew in-negozju*. *Il-Bord tat-Tmexxija* għandu jkun responsabbli għat-tmexxija *u l-monitoraġġ* tal-attivitajiet tal-EIT, għall-għażla, il-ħatra, *il-finanzjament*, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-KKI, *inkluż it-teħid ta' miżuri korrettivi xierqa fil-każ ta' sottoprestazzjoni tal-KKI*, u għad-deċiżjonijiet strateġiċi l-oħra. *L-għażla tal-Bord tat-Tmexxija għandha tqis kriterji li jikkonċernaw il-bilanċ bejn il-ġeneri u l-bilanċ ġeografiku. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jeleġġi President minn fost il-membri tiegħu.*

Kumitat Eżekuttiv *għandu jkun* magħmul minn membri magħżula *li jirrappreżentaw it-tliet dimensjonijiet kollha tat-triangolu tal-għarfien* u mill-President tal-Bord tat-Tmexxija. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jassisti lill-Bord tat-Tmexxija fit-twettiq ta' dmirijietu u għandu jħejji l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija b'kooperazzjoni mad-Direttur.

Direttur ***għandu*** jinħatar mill-Bord tat-Tmexxija. Id-Direttur **■** ***għandu jaġixxi bħala r-rappreżentant*** legali tal-EIT ***u għandu jkun*** responsabbli ***għall-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija, u*** ***għall-operazzjonijiet u l-ġestjoni ta' kuljum tal-EIT.*** **■**

Funzjoni ta' Awditjar Intern ***għandha topera*** b'indipendenza sħiħa u b'konformità mal-istandards internazzjonali rilevanti. ***Il-Funzjoni ta' Awditjar Intern*** għandha tagħti pariri lill-Bord tat-Tmexxija u lid-Direttur dwar strutturi ta' ġestjoni u kontroll finanzjarji u amministrattivi fi ħdan l-EIT, dwar l-organizzazzjoni ta' relazzjonijiet finanzjarji mal-KKI u dwar kwalunkwe suġġett ieħor mitlub mill-Bord tat-Tmexxija.

2. Dispożizzjonijiet dettaljati rigward il-korpi tal-EIT huma pprovduti fl-Istatuti tal-EIT, ***li huma*** stabbiliti fl-Anness I.

3. *Il-grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri (MSRG) għandu jiġi stabbilit.*

L-MSRG għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u minn kull pajiż assoċjat.

L-MSRG għandu jagħti pariri lill-Bord tat-Tmexxija u lid-Direttur:

- (a) dwar l-estensjoni jew it-terminazzjoni tal-ftehimiet ta' sħubija tal-EIT mal-KKI, kif imsemmi fil-punt 6 tat-Taqsima 3 tal-Anness I;*
- (b) dwar il-konklużjoni ta' memorandum ta' kooperazzjoni ma' kull KKI, kif imsemmi fil-punt 6 tat-Taqsima 3 tal-Anness I; u*
- (c) dwar kwistjonijiet strateġikament importanti għall-EIT għajr dawk imsemmija fil-punti (a) u (b), li jaqsmu l-esperjenzi f'dan ir-rigward.*

L-MSRG għandu wkoll jagħti pariri u jaqsam l-esperjenzi mal-KKI.

L-MSRG għandu jiġi informat regolarment dwar il-prestazzjoni, il-kisbiet u l-attivitajiet tal-EIT u tal-KKI, ir-riżultati tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tagħhom, u l-indikaturi tal-prestazzjoni u l-miżuri korrettivi tagħhom. L-MSRG għandu jipprovdi l-opinjoni tiegħu f'dan ir-rigward.

IL-MSRG għandu *jiffaċilita* sinerġiji u komplementarjetajiet xierqa bejn l-attivitajiet tal-EIT u tal-KKI mal-programmi u inizjattivi nazzjonali, inkluż il-kofinanzjament nazzjonali potenzjali tal-attivitajiet tal-KKI.

Artikolu 6

Il-kompiti

Biex jikseb **il-missjonijiet u l-obiettivi** tiegħu stabbiliti fl-Artikolu 3, l-EIT għandu tal-inqas iwettaq dan li ġej:

- (a) jidentifika, skont l-ASI, il-prijoritajiet u l-attivitajiet ewlenin tiegħu, **u jimplimentahom skont id-dispożizzjonijiet applikabbli tar-Regolament (UE) 2021/...**⁺;
- (b) **jżgura ftuħ lejn** organizzazzjonijiet sħab **għodda** potenzjali u jqajjem kuxjenza fosthom u jhegħgeġ il-parteċipazzjoni tagħhom fl-attivitajiet tiegħu, **b'mod partikolari l-SMEs u ċ-ċentri ta' eċċellenza emerġenti, madwar l-Unjoni, inkluż permezz tal-RIS, billi jibni fuq networks ta' informazzjoni u strutturi eżistenti**;
- (c) jagħżel u jaħtar KKI skont l-Artikolu 9 u jistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi tal-KKI permezz ta' ftehimiet ■ ta' sħubija u ftehimiet ta' għotja, **jissorvelja u** jipprovdi lill-KKI l-appoġġ meħtieġ **u gwida strateġika, b'miżuri** xierqa tal-kontroll tal-kwalità, **monitoraġġ kontinwu u evalwazzjoni perijodika** esterna **tal-attivitajiet** tagħhom **skont l-Artikolu 11, u jieħu miżuri korrettivi meta jkun xieraq**;

⁺ **ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).**

- (d) ***imexxi l-implimentazzjoni tal-RIS, inkluż permezz tal-implimentazzjoni taċ-ċentri tal-RIS mill-KKI;***
- (e) jiżgura livell xieraq ta' koordinazzjoni u jiffaċilita l-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni tematika bejn il-KKI u joħroġ sejħiet għal attivitajiet u servizzi konġunti fost il-KKI;
- (f) ***jiżgura l-implimentazzjoni mifruxa ta' lawrji u diplomi bit-tikketta tal-EIT mill-KKI, isaħħaħ il-promozzjoni tagħhom barra mill-Komunità tal-EIT*** ■ u jestendihom għall-programmi ta' tagħlim tul il-ħajja;
- (g) jippromwovi d-disseminazzjoni tal-aqwa prassi għall-integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien, inkluż fost il-KKI ***u madwar l-Unjoni, inter alia permezz tal-RIS***, biex joħloq kultura komuni ta' innovazzjoni u trasferiment tal-għarfien, u jħeġġeġ ***l-ftuħ tal-KKI lejn membri ġodda permezz ta' attivitajiet*** ta' sensibilizzazzjoni ■ ;
- (h) ***jippromwovi d-disseminazzjoni, il-komunikazzjoni u l-isfruttament wiesgħa tar-riżultati u tal-opportunitajiet li joħorġu mill-Komunità tal-EIT, sabiex jiżdiedu s-sensibilizzazzjoni, il-viżibbiltà u l-għarfien tal-EIT madwar l-Unjoni, kif ukoll biex titħeġġeġ il-parteċipazzjoni fl-attivitajiet tal-Komunità tal-EIT;***

- (i) **jappoġġja l-KKI fl-iżvilupp ta' strateġija effettiva għas-sostenibbiltà finanzjarja għall-mobilizzazzjoni ta' fondi minn sorsi pubbliċi u privati oħra;**
- (j) irawwem l-eċċellenza fl-edukazzjoni għolja, fir-riċerka u fl-innovazzjoni, b'mod partikolari billi jippromwovi l-KKI bħala sħab eċċellenti tal-innovazzjoni;
- (k) jippromwovi approċċi multidixxiplinari għall-innovazzjoni, **fis-setturi kollha**, inkluż **permezz tal-integrazzjoni** ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi, soċjali u mhux teknoloġiċi, **is-sostenibbiltà u n-newtralità klimatika sa mid-disinn**, approċċi organizzattivi, **enfasi fuq l-intraprenditorija** u mudelli ġodda tan-negozju;
- (l) jiżgura sinerġiji u komplementarjetajiet bejn l-attivitajiet tal-EIT u programmi oħra tal-Unjoni, fejn xieraq, skont **ir-Regolament (UE) 2021/...**⁺;
- (m) **irawwem id-diskussjoni u l-iskambju u d-disseminazzjoni ta' għarfien espert u know-how bejn il-KKI fir-rigward tal-mudelli innovattivi tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali, bl-għan li jippromwovi t-trasferiment u d-disseminazzjoni tal-għarfien, kemm fil-kuntest tal-KKI kif ukoll b'mod aktar wiesa' madwar l-Unjoni;**

⁺ **ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).**

- (n) *jipprovdli l-appoġġ meħtieġ u jrawwem is-sinerġiji mal-KKI għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi;*
- (o) jorganizza laqgħat regolari, ***mill-inqas kull sentejn***, ta' forum tal-partijiet ikkonċernati biex ***jikkondividi u jiddiskuti*** l-attivitajiet tal-EIT, l-esperjenzi tiegħu, l-aqwa prassi u l-kontribut għall-politiki u l-oġettivi tal-innovazzjoni, tar-riċerka u tal-edukazzjoni tal-Unjoni, ***kif ukoll politiki u oġettivi oħrajn tal-Unjoni meta jkun rilevanti***, u biex il-partijiet ikkonċernati jkunu jistgħu jesprimu l-fehmiet tagħhom;
- (p) tal-inqas darbtejn fis-sena, jorganizza laqgħat tal-MSRG, indipendentement mil-laqgħat tal-forum tal-partijiet ikkonċernati.
- (q) *jiffaċilita l-istabbiliment tal-faċilitajiet tas-servizzi kondiviżi tal-Komunità tal-EIT;*
- (r) *ihegġegħ in-networking, maż-żmien, taċ-ċentri tal-RIS u taċ-ċentri ta' kolokazzjoni fl-Istati Membri sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni tagħhom fil-Komunità tal-EIT u mal-ekosistemi tal-innovazzjoni lokali;*

- (s) *jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-attivitajiet li għandhom* jitwettqu mill-KKI għall-iżvilupp tal-kapaċità intraprenditorjali u tal-innovazzjoni ***tal-organizzazzjonijiet membri tagħhom, b'mod partikolari l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-SMEs u n-negozji ġodda*** u l-integrazzjoni tagħhom fl-ekosistemi tal-innovazzjoni, ***fl-Unjoni kollha u f'konformità mal-approċċ tat-triangolu tal-għarfien;***
- (t) *ifassal, b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, u wara konsultazzjoni mal-KKI, iniedi u jikkoordina inizjattiva pilota li tappoġġja l-kapaċitajiet tal-innovazzjoni u intraprenditorjali tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u l-integrazzjoni tagħhom fl-ekosistemi tal-innovazzjoni (inizjattiva pilota għall-edukazzjoni għolja), li għandha tiġi implimentata permezz tal-KKI.*

Artikolu 7

Il-KKI

1. Il-KKI għandhom iwettqu tal-anqas dan li ġej:
 - (a) attivitajiet ta' innovazzjoni u investimenti b'valur miżjud tal-Unjoni, inkluż ***il-faċilitazzjoni tal-ħolqien ta' negozji ġodda innovattivi*** u l-iżvilupp ta' negozji innovattivi ***b'komplementarjetà mal-EIC u l-programm InvestEU***, li jintegraw għalkollox id-dimensjonijiet tal-edukazzjoni għolja u tar-riċerka ħalli jiksbu massa kritika u jstimulaw id-disseminazzjoni u l-isfruttament tar-riżultati;

- (b) **riċerka**, esperimentazzjoni, prototipar u dimostrazzjoni mmexxija mill-innovazzjoni f'oqsma ta' interess ekonomiku, **ambjentali** u soċjetali ewlieni u bbażati fuq ir-riżultati **li jirriżultaw mir-riċerka** tal-Unjoni u nazzjonali, bil-potenzjal li ssaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni fil-livell internazzjonali u ssib soluzzjonijiet għall-isfidi l-kbar li għandha s-soċjetà Ewropea, **inklużi dawk relatati mas-saħħa u mas-suq diġitali**;
- (c) attivitajiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ b'mod partikolari fil-livelli ta' masters u dottorat, kif ukoll korsijiet ta' taħriġ professjonali **f'oqsma** bil-potenzjal li jissodisfaw il-ħtiġijiet soċjoekonomiċi **u soċjoekoloġiċi** Ewropej futuri u li jwessgħu l-bażi tat-talent tal-Unjoni, jippromwovu l-iżvilupp tal-ħiliet relatati mal-innovazzjoni, it-titjib tal-ħiliet maniġerjali u intraprenditorjali u l-mobbiltà tar-riċerkaturi u l-istudenti, u jrawmu l-kondiviżjoni tal-għarfien, il-mentoring u n-networking fost dawk li jirċievu **l-attivitajiet tal-edukazzjoni u** tat-taħriġ tal-EIT, **inkluż dawk** bit-tikketta tal-EIT;
- (d) **azzjonijiet bħala parti mill-inizjattiva pilota tal-edukazzjoni għolja biex jintegraw aħjar fil-katini tal-valur u l-ekosistemi tal-innovazzjoni l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u biex ilaqqgħuhom ma' atturi tal-innovazzjoni ewlenin oħra mit-triangolu tal-għarfien u għaldaqstant tittejjeb il-kapaċità intraprenditorjali u ta' innovazzjoni tagħhom**;

- (e) attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u d-disseminazzjoni tal-aqwa prassi ***fil-qasam*** tal-innovazzjoni b'enfasi fuq l-iżvilupp ta' kooperazzjoni bejn l-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u n-negozju, inklużi s-setturi finanzjarji u dawk tas-servizzi, ***u fejn ikun rilevanti, l-organizzazzjonijiet pubbliċi u tat-tielet settur***;
- (f) ***attivitajiet tal-RIS, integrati bis-sħiħ fl-istrateġija pluriennali tal-KKI u marbuta mal-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti rilevanti, kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2021/...⁺ sabiex tissaħħaħ il-kapaċità ta' innovazzjoni u jiġu żviluppati ekosistemi tal-innovazzjoni sostenibbli bil-għan li jitnaqqsu d-disparitajiet u d-distakk fil-prestazzjoni tal-innovazzjoni fl-Unjoni kollha***;
- (g) tiftix ta' sinerġiji u komplementarjetajiet bejn l-attivitajiet tal-KKI u l-programmi tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali eżistenti, ***b'mod partikolari l-EIC, Sħubijiet Ewropej oħra u missjonijiet ta' Orizzont Ewropa, kif xieraq***;
- (h) ***mobilizzazzjoni ta' fondi minn sorsi pubbliċi u privati, b'mod partikolari biex jippruvaw iżidu proporzjon dejjem akbar mill-baġit tagħhom minn sorsi privati u minn dħul ġenerat mill-attivitajiet tagħhom stess, skont l-Artikolu 18***;
- (i) ***tqegħid għad-dispożizzjoni, fuq talba, ta' informazzjoni dwar l-outputs u r-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni, u d-drittijiet intellettwali relatati, żviluppati skont l-attivitajiet tal-KKI, u dwar l-inventuri rilevanti***.

⁺ ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).***

2. Mingħajr preġudizzju għall-ftehimiet ■ ta' sħubija u l-ftehimiet ta' għotja bejn l-EIT u l-KKI, il-KKI għandu jkollhom awtonomija ■ sostanzjali biex jistabbilixxu l-organizzazzjoni u l-kompożizzjoni interna tagħhom, kif ukoll l-aġenda ■ u l-metodi ta' ħidma tagħhom, ***dment li dawn jirriżultaw fi progress lejn il-kisba tal-oġettivi tal-EIT u tal-KKI, filwaqt li jqisu l-ippjanar strateġiku ta' Orizzont Ewropa u d-direzzjoni strateġika tal-EIT stabbiliti fl-ASI u mill-Bord tat-Tmexxija.***

B'mod partikolari, il-KKI għandhom:

- (a) jistabbilixxu arranġamenti ta' governanza ***trasparenti*** interni li jirriflettu t-triangolu tal-għarfien tal-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni;
- (b) jiżguraw ***u jippromwovu*** l-attitudni miftuħa tagħhom ***permezz ta' kriterji ta' adeżjoni u ta' ħruġ ċari u trasparenti, inkluż permezz ta' sejħiet miftuħa, lill-organizzazzjonijiet sħab*** ġodda ***potenzjali madwar l-Unjoni*** li jżidu l-valur tas-sħubija;
- (c) ***jistabbilixxu regoli interni, fosthom kodiċijiet ta' kondotta, li jiżguraw il-funzjonament tagħhom*** b'mod miftuħ u trasparenti ■ ;
- (d) jistabbilixxu u jimplimentaw il-pjanijiet ta' direzzjoni tan-negozju ***tagħhom***;
- (e) jistabbilixxu u jimplimentaw strateġiji ***għall-kisba*** tas-sostenibbiltà finanzjarja.

3. ***Il-KKI jistgħu jadottaw miżuri u inizjattivi bl-għan li jimmitigaw l-effetti tal-kriżi tal-COVID-19, b'mod partikolari azzjonijiet bl-għan li jżidu r-reżiljenza tal-mikrointrapriżi, l-SMEs u n-negozji ġodda, kif ukoll tal-istudenti, ir-riċerkaturi u l-impjegati.***
4. Ir-relazzjoni bejn l-EIT u kull KKI għandha tkun ibbażata fuq ftehim ■ ta' sħubija, ftehim ta' għotja ***jew, soġġett għall-Artikolu 12, memorandum ta' kooperazzjoni.***

Artikolu 8

Regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni

Għandhom japplikaw ir-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni ta' ***Orizzont Ewropa***.

B'deroga minn dawk ir-regoli:

- (a) il-kundizzjonijiet minimi biex tiġi ffurmata KKI huma stabbiliti fl-Artikolu 9(3) u (4) ta' dan ir-Regolament;
- (b) regoli speċifiċi dwar is-sjeda, id-drittijiet tal-aċċess, l-isfruttament u d-disseminazzjoni jistgħu japplikaw għall-attivitajiet ta' valur miżjud tal-KKI, ***fejn xieraq***.

Artikolu 9

L-għażla u l-ħatra tal-KKI

1. Sħubija għandha tintgħażel u tinħatar mill-EIT bħala KKI wara proċedura kompetittiva, miftuħa u trasparenti. **Il-kundizzjonijiet u l-kriterji stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/...⁺, inter alia fl-Artikolu 28(3) tiegħu, kif ukoll il-kriterji għall-għażla tas-Sħubijiet Ewropej, għandhom japplikaw. Il-Bord tat-Tmexxija jista' jispeċifika dawk il-kriterji f'aktar dettall, billi jadotta u jippubblika kriterji għall-għażla tal-KKI abbażi tal-prinċipji tal-eċċellenza u tar-rilevanza għall-innovazzjoni biex jinkisbu riżultati fl-isfidi globali u fil-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni.**
2. L-EIT għandu jniedi l-għażla u l-ħatra tal-KKI skont l-oqsma ta' prijorità u l-iskeda ta' żmien definiti fl-ASI, **b'kont meħud tal-prijoritajiet stabbiliti fl-ippjanar strateġiku ta' Orizzont Ewropa.**
3. Il-kundizzjoni minima biex tiġi ffurmata KKI hija l-parteċipazzjoni ta' mill-anqas tliet organizzazzjonijiet sħab indipendenti, **li li huma magħmula minn mill-anqas istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja waħda, organizzazzjoni ta' riċerka waħda u kumpannija privata waħda u** li jkunu stabbiliti f'mill-anqas tliet Stati Membri differenti.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).

4. Minbarra l-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 3, mhux inqas minn żewġ terzi tal-organizzazzjonijiet sħab li jiffurmaw KKI għandhom ikunu stabbiliti fl-Istati Membri.
5. L-EIT għandu jadotta u jippubblika l-kriterji u l-proċeduri għall-finanzjament, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-KKI qabel it-tnedija tal-proċedura tal-għażla għall-KKI ġodda. L-EIT għandu jinforma minnufih lill-MSRG u lill-Parlament Ewropew dwar dawk il-kriterji u l-proċeduri.

Artikolu 10

Il-prinċipji għall-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tal-KKI

L-EIT għandu, abbażi tal-indikaturi ***u d-dispożizzjonijiet ta' monitoraġġ*** stabbiliti, fost l-oħrajn, ***fir-Regolament (UE) 2021/...***⁺ u fl-ASI, u b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, jorganizza monitoraġġ kontinwu u evalwazzjonijiet indipendenti esterni minn żmien għal żmien tal-kisbiet, ir-risultati u l-impatt ta' kull KKI, ***inkluż il-progress tal-KKI lejn is-sostenibbiltà finanzjarja, il-kosteffiċjenza u l-ftuħ għal membri ġodda.***

Ir-risultati ta' dan il-monitoraġġ u ta' dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u għandhom isiru pubbliċi.

⁺ ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).***

Artikolu 11

Id-durata, l-estensjoni u t-terminazzjoni ta' *ftehim ta' sħubija*

1. B'deroga mill-punt (c) tal-Artikolu 130(4) tar-Regolament Finanzjarju, l-EIT jista' jistabbilixxi ftehim ■ ta' sħubija ma' KKI għal perjodu inizjali ta' seba' snin.
2. *Abbażi ta' monitoraġġ kontinwu tal-KKI skont l-Artikolu 10, l-EIT, taħt is-superviżjoni tal-Bord tat-Tmexxija, għandu jwettaq rieżamijiet interim tal-prestazzjoni u l-attivitajiet tal-KKI li jkopru l-ewwel tliet snin tal-ftehim ta' sħubija.*

Fil-każ ta' estensjoni tal-ftehim ta' sħubija, l-EIT għandu jwettaq tali rieżamijiet interim li jkopru l-ewwel tliet snin wara l-estensjoni tiegħu.

Il-Bord tat-Tmexxija għandu jagħmel dawk ir-rieżamijiet interim pubbliċi.

3. Qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' seba' snin imsemmi fil-paragrafu 1, l-EIT, taħt is-superviżjoni tal-Bord tat-Tmexxija, għandu jwettaq valutazzjoni komprensiva tal-prestazzjoni u l-attivitajiet ta' kull KKI, bl-appoġġ ta' esperti indipendenti esterni.
4. *Wara li jikkonsulta lill-MSRG, il-Bord tat-Tmexxija jista' jestendi l-ftehim ■ ta' sħubija ■ għal perjodu ulterjuri ta' mhux aktar minn seba' snin jew iwaqqaf il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-EIT u ma jestendix il-ftehim ■ ta' sħubija **ma' KKI abbażi ta':***

(a) l-eżitu tar-rieżami interim imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2; u

(b) l-eżitu ta' valutazzjoni komprensiva msemmija fil-paragrafu 3.

L-EIT għandu jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill qabel ma jestendi l-perjodu ta' seba' snin imsemmi fil-paragrafu 1.

5. Għall-fini li jiġi deċiż jekk il-ftehim ta' sħubija ma' KKI jiġix estiż skont il-paragrafu 4, il-Bord tat-Tmexxija għandu jqis il-kriterji għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tas-Sħubijiet Ewropej stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/...⁺u, fir-rigward tal-KKI, il-kwistjonijiet li ġejjin:

(a)ir-rilevanza tagħhom għall-isfidi globali tal-Unjoni;

(b)il-valur miżjud tal-Unjoni u r-rilevanza tagħhom fir-rigward tal-objettivi tal-EIT;

(c)il-kisba tal-objettivi tagħhom;

(d) l-isforzi tagħhom biex jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom ma' inizjattivi rilevanti oħra ta' riċerka u innovazzjoni;

(e) il-kapaċità tagħhom li jiżguraw ftuħ għal membri ġodda;

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).

(f) il-kisbiet tagħhom fir-rigward tal-fatt li jattiraw membri ġodda mill-Unjoni kollha;

(g) il-konformità tagħhom mal-prinċipji ta' governanza tajba;

(h) l-isforzi u r-riżultati tagħhom fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri u attivitajiet sensittivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru; u

(i) il-kapaċità tagħhom li jiżviluppaw ekosistemi tal-innovazzjoni sostenibbli u l-livell miksub ta' sostenibbiltà finanzjarja.

6. F'każ li *l-monitoraġġ kontinwu, rieżami interim jew il-valutazzjoni komprensiva* ta' KKI *imsemmija fil-paragrafu 2 u 3* turi *progress inadegwat f'oqsma msemmija fl-Artikolu 10* jew nuqqas ta' valur miżjud tal-Unjoni, il-Bord tat-Tmexxija għandu jiehü l-miżuri **korrettivi** xierqa, fosthom it-tnaqqis, il-modifika jew l-irtirar tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-EIT jew it-tmiem tal-ftehim ■ ta' sħubija.

7. L-EIT, taħt is-superviżjoni tal-Bord tat-Tmexxija, għandu jwettaq rieżami finali tal-prestazzjoni u l-attivitajiet tal-KKI qabel l-iskadenza tal-ftehim ta' sħubija. Soġġett għall-eżitu pożittiv ta' rieżami finali qabel l-iskadenza tal-ftehim qafas ta' sħubija, l-EIT jista' jikkonkludi memorandum ta' kooperazzjoni ma' KKI.

Artikolu 12

Memorandum ta' kooperazzjoni

1. *Id-durata, il-kontenut u l-istruttura tal-memorandum ta' kooperazzjoni għandhom jiġu stabbiliti mill-Bord tat-Tmexxija, b'kont meħud ta' studju fil-fond u indipendenti. L-istudju għandu jinkludi valutazzjoni tal-isforzi tal-KKI biex tikseb sostenibbiltà finanzjarja, id-dħul iġġenerat u l-prospettiva finanzjarja tal-KKI. Barra minn hekk, il-valutazzjoni għandha tidentifika kwalunkwe attività li l-kontinwazzjoni tagħha tista' tkun f'riskju minħabba nuqqas ta' riżorsi.*
2. *Il-memorandum ta' kooperazzjoni għandu jinkludi:*
 - (a) *id-drittijiet u l-obbligi marbuta mal-kontinwazzjoni tal-attivitajiet tat-triangolu tal-għarfien kif ukoll iż-żamma tal-ekosistema u n-network tal-KKI;*

- (b) *il-kundizzjonijiet għall-użu tal-marka tal-EIT u l-parteċipazzjoni fil-Premjijiet tal-EIT u f'inizjattivi oħra organizzati mill-EIT;*
 - (c) *il-kundizzjonijiet għall-antiċipazzjoni f'attivitajiet ta' edukazzjoni għolja u ta' taħriġ inkluż l-użu tat-tikketta tal-EIT għall-programmi ta' edukazzjoni u taħriġ u għar-relazzjonijiet mal-Komunità ta' Alumni tal-EIT;*
 - (d) *il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni f'sejħiet kompetittivi tal-EIT għal xi attivitajiet speċifiċi, inklużi l-attivitajiet trasversali tal-KKI u s-servizzi kondiviżi;*
 - (e) *kundizzjonijiet għal appoġġ addizzjonali mill-EIT għal attivitajiet ta' koordinazzjoni transnazzjonali fost iċ-ċentri ta' kolokazzjoni b'valur miżjud għoli tal-Unjoni.*
3. *Fejn ma jiġi konkluż ebda memorandum ta' kooperazzjoni, il-KKI ma għandhiex tuża l-marka tal-EIT għall-attivitajiet tagħha.*

Artikolu 13

Lawrji u diplomi

1. Il-lawrji u d-diplomi relatati mal-attivitajiet tal-edukazzjoni għolja msemmin fil-punt (c) tal-Artikolu 7(1) għandhom jingħataw minn istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja parteċipanti ***u fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali*** skont ir-regoli u l-proċeduri ta' akkreditazzjoni nazzjonali. Il-ftehimiet ■ ta' sħubija, il-ftehimiet ta' għotja u l-memoranda ta' kooperazzjoni bejn l-EIT u l-KKI għandhom jipprevedu li dawn il-lawrji u d-diplomi jiġu indikati wkoll bħala lawrji u diplomi tal-EIT.

2. L-EIT għandu jħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja parteċipanti ***u lill-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali*** biex:
- (a) jagħtu lawrji u diplomi konġunti jew multipli, li jkunu jirriflettu n-natura integrata tal-KKI, li jistgħu jingħataw ukoll minn istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja waħda jew fornitur wieħed tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali;
 - (b) ixerrdu l-aqwa prassi dwar kwistjonijiet orizzontali;
 - (c) ***jippromwovu u jirreklamaw it-tikketta tal-EIT fit-taħriġ u d-diplomi tagħhom;***
 - (d) ***jiżviluppaw strateġiji differenti bl-għan li jippromwovu kooperazzjoni effettiva ma' ekosistemi tal-innovazzjoni u ma' negozji u li jrawmu mentalità intraprenditorjali;***
 - (e) ***joħolqu programmi li jiffukaw fuq it-tagħlim tul il-ħajja u ċ-ċertifikazzjoni;***
 - (f) ***jagħtu attenzjoni speċjali lill-bilanċ bejn il-ġeneri u lil approċċi sensittivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru, b'mod partikolari f'oqsma fejn in-nisa għadhom sottorappreżentati, bħat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, ix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika;***

(g) iqisu:

- (i) l-azzjoni tal-Unjoni meħuda skont l-Artikoli 165 u 166 tat-TFUE;
- (ii) l-azzjoni meħuda fil-kuntest tal-Qasam Ewropew tal-Edukazzjoni Għolja.

Artikolu 14

L-indipendenza operazzjonali tal-EIT u l-konsistenza mal-azzjoni tal-Unjoni, tal-Istati Membri jew intergovernattiva

1. L-EIT għandu jwettaq l-attivitajiet tiegħu indipendentement mill-awtoritajiet nazzjonali u l-pressjonijiet esterni, ***filwaqt li jiżgura li tali attivitajiet ikunu konsistenti, permezz ta' koordinazzjoni***, ma' azzjoni u strumenti oħrajn li għandhom jiġu implimentati fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari fl-oqsma tal-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni.
2. L-EIT għandu ***jfittex ukoll sinerġiji u komplementarjetajiet billi jqis*** kif xieraq il-politiki u l-inizjattivi fil-livelli reġjonali, nazzjonali u intergovernattivi sabiex iħaddem l-aqwa prassi, il-kunċetti stabbiliti sew u r-riżorsi eżistenti.

Il-Kummissjoni għandha toffri lill-EIT l-appoġġ meħtieġ kollu fl-istabbiliment ta' sinerġiji u komplementarjetajiet xierqa ma' attivitajiet oħra mwettqa fl-ambitu tar-Regolament (UE) 2021/...⁺, kif ukoll ma' inizjattivi u programmi oħra tal-Unjoni, filwaqt li tevita d-duplikazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi rakkomandazzjonijiet lill-EIT dwar kif inaqqas il-piż amministrattiv fuq il-KKI.

⁺ ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).***

Artikolu 15

L-istatus ġuridiku

1. L-EIT għandu jkun korp tal-Unjoni u għandu jkollu personalità ġuridika. F'kull Stat Membru, għandu jgawdi l-aktar kapaċitajiet ġuridiċi estensivi possibbli mogħtija lill-persuni ġuridiċi skont id-dritt nazzjonali. B'mod partikolari, għandu jkun jista' jakkwista u jiddisponi minn proprjetà mobbli jew immobbli u jkun parti fi proċedimenti legali.
2. Il-Protokoll Nru 7 dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea anness mat-TUE u mat-TFUE għandu japplika għall-EIT.

Artikolu 16

Ir-responsabbiltà

1. L-EIT għandu jkun unikament responsabbli li jwettaq l-obbligi tiegħu.
2. Ir-responsabbiltà kuntrattwali tal-EIT għandhom jirregolawha d-dispożizzjonijiet kuntrattwali rilevanti u l-liġi applikabbli għall-kuntratt inkwistjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il-‘Qorti tal-Ġustizzja’) għandu jkollha l-ġurisdizzjoni skont kwalunkwe klawżola ta' arbitraġġ li tinsab f'kuntratt konkluż mill-EIT.

3. Fil-każ tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali, l-EIT għandu jagħmel tajjeb, skont il-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet tal-Istati Membri, għal kull ħsara li jikkaġuna jew li jikkaġunaw il-membri tal-persunal tiegħu waqt il-qadi ta' dmiriethom.

Il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha l-ġuriżdizzjoni fi kwalunkwe tilwima relatata ma' kumpens għal din il-ħsara.

4. Kwalunkwe ħlas mill-EIT li jkopri r-responsabbiltà msemija fil-paragrafi 2 u 3 u l-kostijiet u l-ispejjeż imġarrba b'rabta magħha għandhom jitqiesu bħala nefqa tal-EIT u għandhom jiġu koperti mir-riżorsi tal-EIT.
5. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha l-ġuriżdizzjoni fl-azzjonijiet miġjuba kontra l-EIT skont l-Artikoli 263 u 265 tat-TFUE.

Artikolu 17

Trasparenza u aċċess għad-dokumenti

1. L-EIT u l-KKI għandhom jiżguraw li l-attivitajiet tagħhom jitwettqu b'livell għoli ta' trasparenza. B'mod partikolari, l-EIT u l-KKI għandhom jistabbilixxu sit web aċċessibbli u mingħajr ħlas li jipprovdi informazzjoni dwar l-attivitajiet tagħhom ***u l-opportunitajiet li joffru, b'mod partikolari fir-rigward ta' sejħiet miftuħa.***

2. ***L-EIT u l-KKI għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni informazzjoni dettaljata dwar sejħiet għal proposti maħruġa minnhom, inkluża l-informazzjoni dwar il-proċessi ta' evalwazzjoni tagħhom u r-riżultati minn dawk is-sejħiet għal proposti. Dik l-informazzjoni għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni b'mod f'waqtu, li jista' jifittex u traċċabbli fil-bażijiet tad-data online komuni rilevanti tal-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni ffinanzjati mill-Unjoni, skont ir-Regolament (UE) 2021/...⁺.***
3. Qabel ma joħroġ sejħiet għal proposti għall-għażla tal-KKI, l-EIT għandu jagħmel pubbliċi r-regoli ta' proċedura tiegħu, ir-regoli finanzjarji speċifiċi tiegħu msemmija fl-Artikolu 23(1) u l-kriterji għall-għażla tal-KKI msemmija fl-Artikolu 9.
4. L-EIT għandu jagħmel pubbliku mingħajr dewmien id-dokument uniku tal-programmazzjoni tiegħu u r-rapport annwali konsolidat tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 19.
5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 6 u 7, l-EIT ma għandux jiżvela lil partijiet terzi informazzjoni kunfidenzjali li jkun irċieva u li għaliha jkun intalab, u jkun ġustifikat, trattament kunfidenzjali.

⁺ ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).***

6. Il-membri tal-korpi tal-EIT għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżit tal-kunfidenzjalità msemmi fl-Artikolu 339 tat-TFUE.

L-informazzjoni miġbura mill-EIT skont dan ir-Regolament għandha tkun soġġetta għar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.
7. Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² għandu japplika għad-dokumenti miżmuma mill-EIT.
8. Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1³ għandu japplika għall-EIT. Is-servizzi tat-traduzzjoni meħtieġa għall-funzjonament tal-EIT għandhom jiġu pprovduti miċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-korpi tal-Unjoni Ewropea, stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/1994⁴.

Artikolu 18

L-iffinanzjar tal-KKI

1. Il-KKI għandhom jiġu ffinanzjati, b'mod partikolari, mis-sorsi li ġejjin:
 - (a) kontribuzzjonijiet mingħand organizzazzjonijiet sħab, bħala sors sostanzjali ta' finanzjament;

¹ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċizzjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

² Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

³ Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1 tal-15 ta' April 1958 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU 17, 6.10.1958, p. 385).

⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/1994 tat-28 ta' Novembru 1994 li jistabbilixxi Ċentru tat-Traduzzjoni għall-entitajiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 314, 7.12.1994, p. 1).

- (b) kontribuzzjonijiet volontarji mingħand l-Istati Membri, pajjiżi assoċjati jew pajjiżi terzi jew awtoritajiet pubbliċi oħra fi ħdan dawk l-Istati Membri jew il-pajjiżi;
 - (c) kontribuzzjonijiet mingħand entitajiet jew istituzzjonijiet internazzjonali;
 - (d) dħul iġġenerat mill-assi proprji u l-attivitajiet tal-KKI stess u r-royalties mid-drittijiet tal-proprjetà intellettuali;
 - (e) dotazzjonijiet ta' kapital;
 - (f) wirt, donazzjonijiet u kontribuzzjonijiet mingħand individwi, istituzzjonijiet, fondazzjonijiet jew xi entitajiet nazzjonali oħra stabbiliti fl-ambitu tad-dritt nazzjonali;
 - (g) il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-EIT;
 - (h) strumenti finanzjarji, inklużi dawk iffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.
2. Il-kundizzjonijiet tal-aċċess għall-kontribuzzjoni finanzjarja mill-EIT għandhom jiġu stabbiliti fir-regoli finanzjarji tal-EIT imsemmija fl-Artikolu 23(1).

3. L-impenji baġitarji għall-azzjonijiet li jestendu għal aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jinqas fuq diversi snin f'pagamenti annwali, soġġetti għal monitoraġġ xieraq tal-bżonnijiet finanzjarji stmati tal-KKI li jridu jiġu stabbiliti fuq bażi annwali.
4. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-EIT lill-KKI tista' tkopri sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli totali tal-attivitajiet ta' valur miżjud tal-KKI fil-fażijiet inizjali tat-terminu tal-KKI. Tali kontribuzzjoni għandha tonqos gradwalment maż-żmien skont ir-rati ta' finanzjament stabbiliti fl-ASI.
5. Il-KKI u l-organizzazzjonijiet sħab tagħhom jistgħu japplikaw għal finanzjament tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qafas tal-programmi u l-fondi tal-Unjoni, skont ir-regoli rilevanti. Tali finanzjament ma għandhomx ikopru l-ispejjeż li jkunu diġà ġew iffinanzjati fl-ambitu ta' programm ieħor tal-Unjoni.
6. Il-kontribuzzjonijiet mingħand organizzazzjonijiet sħab biex jiffinanzjaw il-KKI għandhom jiġu determinati skont ir-rati ta' **finanzjament imsemmija** fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u jkunu jirriflettu l-istrateġija tal-KKI **biex tinkiseb is-sostenibbiltà** finanzjarja.
7. L-EIT għandu jistabbilixxi mekkaniżmu ta' allokazżjoni **bbażat fuq il-prestazzjoni** biex jagħti l-kontribuzzjoni finanzjarja tiegħu lill-KKI. Dan għandu jinkludi valutazzjoni tal-pjanijiet ta' direzzjoni tan-negozju u tal-prestazzjoni tal-KKI kif imkejla b'monitoraġġ kontinwu **skont l-Artikolu 10 u kif stabbilit fl-ASI**.

Artikolu 19

Programmazzjoni u rappurtar

1. L-EIT għandu jadotta dokument uniku ta' programmazzjoni ibbażat fuq l-ASI, skont ir-regoli finanzjarji tiegħu msemmija fl-Artikolu 23(1), li jkun fih dan li ġej:
 - (a) dikjarazzjoni tal-prijoritajiet ewlenin u l-inizjattivi ppjanati tal-EIT u tal-KKI;
 - (b) stima tal-ħtiġijiet u s-sorsi finanzjarji;
 - (c) *stima tal-ħtiġijiet ta' persunal li jirriżultaw minn kompiti ġodda;*
 - (d) *metodi, għodod u* indikaturi *kwalitattivi u kwantitattivi* xierqa għall-monitoraġġ tal-attivitajiet *tal-EIT* u *tal-KKI*, bl-użu ta' approċċ orjentat lejn l-impatt *u bbażat fuq il-prestazzjoni;*
 - (e) komponenti oħra kif stabbiliti fir-regoli finanzjarji tiegħu.

2. L-EIT għandu jadotta rapport annwali konsolidat tal-attività, li għandu jinkludi informazzjoni komprensiva dwar l-attivitajiet li wettqu l-EIT u l-KKI tul is-sena kalendarja preċedenti u dwar il-kontribut tal-EIT għall-oġettivi ta' **Orizzont Ewropa**, u għall-politiki u l-oġettivi tal-Unjoni dwar l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-edukazzjoni. Ir-rapport annwali konsolidat tal-attività għandu jivvaluta r-riżultati fir-rigward tal-oġettivi, l-indikaturi u l-iskeda taż-żmien stabbiliti, ir-riskji assoċjati mal-attivitajiet imwettqa, l-użu tar-riżorsi, **inkluża l-kontribuzzjoni tiegħu għall-mira tal-integrazzjoni tal-kwistjonijiet klimatiċi fl-ambitu tar-Regolament (UE) 2021/...⁺ diżaggregata skont il-KKI**, u l-operat ġenerali tal-EIT. Ir-rapport annwali konsolidat tal-attività għandu jinkludi informazzjoni komprensiva ulterjuri skont ir-regoli finanzjarji tal-EIT.

Sa ... [sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u fuq bażi annwali minn hemm 'il quddiem, id-Direttur għandu jippreżenta r-rapport annwali konsolidat tal-attività lill-kumitati kompetenti tal-Parlament Ewropew.

⁺ **ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).**

Artikolu 20

Monitoraġġ u evalwazzjoni tal-EIT

1. L-EIT għandu jiżgura li l-attivitajiet tiegħu, inkluż dawk immexxija permezz tal-KKI, għandhom ikunu soġġetti għal monitoraġġ sistematiku u kontinwu u għal evalwazzjoni perjodika indipendenti skont ir-regoli finanzjarji tiegħu, biex ikunu żgurati eżitu tal-aqwa kwalità, eċċellenza xjentifika u l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi. L-eżiti ***tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjonijiet*** għandhom isiru pubbliċi.
2. Il-Kummissjoni, ***bl-assistenza ta' esperti esterni indipendenti u b'kont meħud tal-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati***, għandha ***twettaq, fil-ħin, evalwazzjoni interim u finali tal-EIT u tal-KKI. Dawk l-evalwazzjonijiet għandhom jikkontribwixxu għall-evalwazzjonijiet ta' Orizzont Ewropa previsti fl-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) 2021/...***⁺.

Dawk l-evalwazzjonijiet għandhom jeżaminaw kif l-EIT jissodisfa l-missjoni ***u l-oġġettivi*** tiegħu u jkopru l-attivitajiet tal-EIT u tal-KKI. ***Għandhom jivvalutaw il-valur miżjud tal-Unjoni tal-EIT, l-impatt fl-Unjoni kollha u l-impatt tal-attivitajiet tal-RIS, il-ftuħ***, l-effikaċja, ***l-effiċjenza u r-rilevanza tal-attivitajiet imwettqa tal-EIT u l-konsistenza u l-komplementarjetà*** tagħhom ma' politiki rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali, inkluż ***is-sinerġiji*** ma' partijiet oħra ta' ***Orizzont Ewropa, b'mod partikolari s-Sħubijiet Ewropej u l-missjonijiet l-oħra u l-EIC***.

⁺ ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl ST 7064/20 (2018/0224(COD)).***

L-evalwazzjoni interim għandha tivvaluta wkoll, inter alia, ir-riżultat u l-impatti tal-inizjattiva pilota tal-edukazzjoni għolja, l-effikaċja tal-istrateġiji tas-sostenibbiltà finanzjarja tal-KKI u l-kollaborazzjoni bejn l-EIT u l-korpi ta' implimentazzjoni taħt il-Pilastru III "Ewropa Innovattiva" ta' Orizzont Ewropa. F'dak ir-rigward, l-evalwazzjonijiet tal-EIT għandhom jikkontribwixxu għall-evalwazzjonijiet ta' Orizzont Ewropa, anke fid-dawl ta' valutazzjoni sistematika tal-Pilastru III "Ewropa Innovattiva" ta' Orizzont Ewropa, b'mod partikolari fir-rigward tal-‘punt uniku ta' servizz’ għall-innovazzjoni.

3. Il-Kummissjoni tista' twettaq evalwazzjonijiet oħra dwar temi jew suġġetti ta' rilevanza strateġika, bl-għajjn ta' esperti *esterni* indipendenti magħżula abbażi ta' proċess trasparenti, biex teżamina l-progress li għamel l-EIT fir-rigward tal-oġettivi stabbiliti, tidentifika l-fatturi li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet u tidentifika l-aħjar prassi. Billi twettaq dawn l-evalwazzjonijiet ulterjuri, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra bis-sħiħ il-piż amministrattiv fuq l-EIT u l-KKI.
4. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika r-riżultati tal-evalwazzjonijiet, flimkien mal-osservazzjonijiet tagħha, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jqis is-sejbiet tal-evalwazzjonijiet fit-twettiq tal-programmi u l-operazzjonijiet tal-EIT.

Artikolu 21

Il-baġit tal-EIT

1. Id-dħul tal-EIT għandu jikkonsisti f'kontribuzzjoni mill-Unjoni. Id-dħul tal-EIT jista' jinkludi wkoll kontribuzzjonijiet mingħand sorsi privati u pubbliċi oħra.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni ***għandha*** tiġi pprovduta minn kontribuzzjoni finanzjarja minn ***Orizzont Ewropa bl-ammont stabbilit ta' EUR 2 726 000 000 fi prezzijiet attwali, b'ammont addizzjonali ta' EUR 210 000 000 fi prezzijiet kostanti tal-2018, għall-perjodu 2021-2017.***

L-EIT jista' jirċievi riżorsi finanzjarji addizzjonali minn programmi oħra tal-Unjoni.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-EIT lill-KKI għandha tiġi pprovduta mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 22

Tħejjija u adożzjoni tal-baġit annwali tal-EIT

1. Il-kontenut u l-istruttura tal-baġit tal-EIT għandhom ikunu stabbiliti skont ir-regoli finanzjarji tiegħu. In-nefqa tal-EIT għandha tinkludi ir-remunerazzjoni tal-persunal, l-ispejjeż amministrattivi u infrastrutturali u n-nefqa operattiva. L-ispejjeż amministrattivi għandhom jinżammu minimi. ***Il-baġit tal-EIT għandu jkun ibbilanċjat f'termini ta' dħul u nefqa.***

2. Id-Direttur għandu jfassal abbozz ta' stima tad-dħul u tan-nefqa tal-EIT għas-sena finanzjarja sussegwenti u għandu jgħaddiha lill-Bord tat-Tmexxija.
3. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta l-abbozz ta' stima tad-dħul u tan-nefqa tal-EIT, flimkien ma' abbozz ta' tabella tal-persunal, u għandu jgħaddihom bħala parti mid-dokument uniku ta' programmazzjoni sad-data speċifikata fir-regoli finanzjarji tal-EIT lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.
4. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta l-baġit tal-EIT. Il-baġit tal-EIT għandu jsir finali wara l-adozzjoni finali tal-baġit ġenerali tal-Unjoni. Meta jkun xieraq, għandu jiġi aġġustat skont dan.
5. Il-Bord tat-Tmexxija, mill-aktar fis possibbli, għandu jinnotifika lill-awtorità baġitarja dwar l-intenzjoni tiegħu li jimplimenta xi proġett li jista' jkollu implikazzjonijiet finanzjarji sinifikanti għall-finanzjament tal-baġit tal-EIT, b'mod partikolari l-proġetti li għandhom x'jaqsmu mal-proprjetà bħall-kiri jew ix-xiri tal-bini. Għandu jinforma kif xieraq lill-Kummissjoni.
6. Kwalunkwe modifika sostanzjali tal-baġit tal-EIT għandha ssegwi l-istess proċedura.

Artikolu 23

Implimentazzjoni u kontroll tal-baġit

1. L-EIT għandu jadotta r-regoli finanzjarji tiegħu skont l-Artikolu 70(3) tar-Regolament Finanzjarju. Għandha tiġi kkunsidrata kif xieraq il-ħtieġa ta' flessibbiltà operattiva xierqa sabiex l-EIT ikun jista' jikseb l-oġettivi tiegħu u jattira u jżomm is-sħab fis-settur privat.
2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja lill-EIT minn **Orizzont Ewropa** u programmi oħra tal-Unjoni għandha tiġi implimentata skont ir-regoli ta' daww il-programmi.
3. Id-Direttur għandu jimplimenta l-baġit tal-EIT.
4. Il-kontijiet tal-EIT għandhom jiġu kkonsolidati mal-kontijiet tal-Kummissjoni.

Artikolu 24

Il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

1. Bil-ħsieb li jkunu miġġielda l-frodi, il-korruzzjoni u atti illegali oħra, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ għandu japplika għall-EIT.

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

2. L-EIT għandu jaderixxi għall-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)¹. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jifformalizza dik l-adeżjoni u jadotta l-miżuri meħtieġa biex jgħin lill-OLAF iwettaq l-investigazzjonijiet interni.
3. Id-deċiżjonijiet kollha adottati u l-ftehimiet ■ ta' sħubija jew il-ftehimiet ta' għotja konklużi mill-EIT għandhom jipprevedu espliċitament li l-OLAF u l-Qorti tal-Awdituri jistgħu jwettqu spezzjonijiet fuq il-post tad-dokumenti tal-kuntratturi u tas-sottokuntratturi li rċevew fondi tal-Unjoni, inkluż fl-istabbilimenti tal-benefiċjarji finali.

Artikolu 25

Ix-xoljiment tal-EIT

Fil-każ tax-xoljiment tal-EIT, dan għandu jsir taħt is-superviżjoni tal-Kummissjoni skont il-liġijiet applikabbli. Il-ftehimiet ■ ta' sħubija jew il-ftehimiet ta' għotja mal-KKI għandhom jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet xierqa.

¹ ĠU L 136, 31.5.1999, p. 15.

Artikolu 26

Rieżami

Sal-31 ta' Diċembru 2026, il-Kummissjoni, abbażi tar-riżultati tal-evalwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 20(2) u (3), għandha tippreżenta, fejn xieraq, kwalunkwe proposta għal emendi għal dan ir-Regolament li tqis li tkun meħtieġa, b'mod partikolari fir-rigward tal-missjoni u l-oġettivi tal-EIT stabbiliti fl-Artikolu 3 u bil-ħsieb li l-baġit tal-EIT jiġi estiż lil hinn mill-perjodu speċifikat fl-Artikoli 3 u 21 skont il-programm qafas rilevanti tal-Unjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni.

Artikolu 27

Tħassir

Ir-Regolament (KE) Nru 294/2008 hu mħassar minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 3 u 5, l-Artikolu 6(1) u l-Artikoli 7, 14, 17 u 19 tiegħu, li għandhom jiġihassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2021.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftehemu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

Artikolu 28

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ ***fil-jum*** tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikoli 3, 4 u 6, l-Artikolu 7(1) u (3), u l-Artikoli 8, 9, 18 u 21 għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS I

STATUTI TAL-ISTITUT EWROPEW TAL-INNOVAZZJONI U T-TEKNOLOĠIJA

TAQSIMA 1

KOMPOŻIZZJONI TAL-BORD TAT-TMEXXIJA

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun magħmul minn 15-il membru, maħtura mill-Kummissjoni, ***b'mod trasparenti***, li jipprovdi bilanċ bejn daww b'esperjenza fl-oqsma tal-edukazzjoni għolja, ir-riċerka, ***l-innovazzjoni jew*** in-negozju. ***Dik il-ħatra għandha ssir wara sejħa miftuħa għal espressjonijiet ta' interess.*** Il-mandat tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija għandu jkun ta' erba' snin. Il-Kummissjoni tista' testendi l-mandat darba b'perjodu ta' sentejn fuq proposta tal-Bord tat-Tmexxija.

I

Meta taħtar il-membri tal-Bord tat-Tmexxija, il-Kummissjoni għandha ***tagħmel hiliha biex tiżgura rappreżentanza bilanċjata ta' daww bl-esperjenza*** fl-oqsma tal-edukazzjoni għolja (***inklużi l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali***), fir-riċerka, fl-innovazzjoni u fin-negozju kif ukoll ***bilanċ*** bejn il-ġeneri u ġeografiku u rikonoxximent tal-ambjent tal-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni madwar l-Unjoni.

Fejn meħtieġ, il-Bord tat-Tmexxija għandu jibgħat lill-Kummissjoni lista ta' kandidati għall-fini tal-ħatra ta' membru jew membri. Il-kandidati fil-lista għandhom jintgħażlu abbażi tar-riżultat ta' proċedura trasparenti u miftuħa mibdija mill-EIT.

Il-Kummissjoni għandha taħtar il-membru jew il-membri ***skont il-proċedura stabbilita fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet paragrafi*** u tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-proċeduri tal-għażla u tal-ħatra finali ta' dawk il-membri tal-Bord tat-Tmexxija.

F'każ li membru ma jkunx jista' jibqa' sat-tmiem tal-mandat tiegħu, għandu jinħatar membru sostitut permezz tal-proċedura stabbilita fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet paragrafi sabiex jikkompleta l-mandat tal-membru li ma jkunx jista' jibqa' sat-tmiem. Membru sostitut li jkun serva għal perjodu ta' inqas minn sentejn jista' jinħatar mill-ġdid mill-Kummissjoni għal mandat addizzjonali ta' erba' snin fuq talba tal-Bord tat-Tmexxija.

Il-Kummissjoni għandha taħtar tliet membri addizzjonali fil-Bord tat-Tmexxija biex fi żmien ... [18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] isiru 15-il membru. Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija maħtura qabel ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandhom jikkompletaw il-mandat tagħhom li ma jiġġeddidx.

F'ċirkostanzi eċċezzjonali u ġustifikati kif dovut, b'mod partikolari sabiex tinżamm l-integrità tal-Bord tat-Tmexxija, il-Kummissjoni tista', fuq inizzjattiva proprja, twaqqaf il-mandat ta' membru tal-Bord tat-Tmexxija.

2. Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jaġixxu fl-interessi tal-EIT, jissalvagwardjaw l-missjoni u l-oġettivi, l-identità, l-awtonomija u l-koerenza tiegħu, b'mod indipendenti u trasparenti.
3. ***Il-Bord tat-Tmexxija jista' jistieden lil Membru tal-Bord tal-EIC jew lil partijiet ikkonċernati oħra biex jattendu l-laqgħat tiegħu bħala osservaturi.***
4. ***Meta jwettaq ir-responsabbiltajiet tiegħu, il-Bord tat-Tmexxija għandu jaġixxi taħt is-superviżjoni tal-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-missjoni u l-oġettivi tal-EIT stabbiliti fl-Artikolu 3.***

TAQSIMA 2

RESPONSABBILTAJIET TAL-BORD TAT-TMEXXIJA

1. Il-Bord tat-Tmexxija, fl-eżerċitar tar-responsabbiltà tiegħu li jmxexxi ***u jimmonitorja*** l-attivitajiet tal-EIT u tal-KKI, għandu jieħu deċiżjonijiet strateġiċi. B'mod partikolari, huwa għandu:
 - (a) ***wara li jikkonsulta lill-KKI eżistenti u jqis l-opinjonijiet tagħhom***, jadotta l-kontribut tal-EIT għall-proposta tal-Kummissjoni dwar l-ASI ***u jagħmlu pubbliku***;
 - (b) jadotta d-dokument uniku ta' programmazzjoni, il-baġit, il-kontijiet annwali u l-karta tal-bilanċ u r-rapport annwali konsolidat tal-attività tal-EIT;
 - (c) jadotta kriterji ***sodi*** u proċeduri ***ċari u trasparenti*** għall-finanzjament ***ibbażat fuq il-prestazzjoni*** tal-KKI, li jinkludu ***d-deċiżjoni dwar l-allokazzjoni*** massima ***tal-kontribuzzjoni finanzjarja*** tal-EIT għalihom, ***bil-għan tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju rilevanti tal-KKI u li jinkisbu l-oġettivi stabbiliti fl-ASI u skont l-Artikolu 10, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11(4) u (5), inkluż il-progress tal-KKI fil-kisba tas-sostenibbiltà finanzjarja***;

- (d) jadotta l-proċedura tal-għażla tal-KKI, *skont l-Artikolu 9 u l-ASI*;
- (e) jagħżel u jaħtar sħubija bħala KKI *skont il-kondizzjonijiet u l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 9, u* jirtira tali ħaġra fejn xieraq;
- (f) jawtorizza lid-Direttur biex iħejji, jinnegozja u jikkonkludi ftehimiet ■ ta' sħubija *u ftehimiet* ta' għotja ■ mal-KKI;
- (g) *jistabbilixxi d-durata, il-kontenut u l-istruttura tal-memoranda ta' kooperazzjoni skont l-Artikolu 12, jagħti mandat u jawtorizza lid-Direttur biex iħejji u jinnegozja memoranda ta' kooperazzjoni mal-KKI u, wara li jkun eżamina l-memoranda ta' kooperazzjoni, jawtorizza lid-Direttur biex jikkonkludihom;*
- (h) jawtorizza lid-Direttur biex jestendi l-ftehimiet ■ ta' sħubija mal-KKI lil hinn mill-perjodu stabbilit inizjalment, *soġġett għall-eżitu pożittiv tar-rieżami interim u valutazzjoni komprensiva, kif stabbilit fl-ASI, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu skont l-Artikoli 10 u 11;*

- (i) jawtorizza lid-Direttur biex iħejji, jinnegozja u jikkonkludi ftehimiet ta' għotja ma' entitajiet ġuridiċi oħra;
- (j) jadotta proċeduri ta' monitoraġġ u evalwazzjoni effettivi, ***effiċjenti, trasparenti u kontinwi, inkluż sett sod ta' indikaturi*** skont ***l-Artikoli 10, 11, 19 u 20***, u jissorvelja l-implimentazzjoni tagħhom mid-Direttur;
- (k) jieħu l-miżuri ***korrettivi*** xierqa ***fir-rigward tal-KKI sottoproduttori***, inkluż it-tnaqqis, l-emendar jew l-irtirar tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-EIT lil daww il-KKI jew it-tmiem tal-ftehimiet ■ ta' sħubija magħhom, ***abbażi tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni tar-riżultati, skont l-oġġettivi tal-EIT u l-KKI u l-Artikoli 10, 11 u 18***;
- (l) ***jinkoraġġixxi lill-KKI jadottaw mudelli operattivi għal ftuħ fil-konfront ta' organizzazzjonijiet sħab ġodda***;
- (m) jippromwovi l-EIT ***fl-Unjoni kollha u*** fid-dinja, sabiex iżid l-attrazzjoni tagħha, u għal dak il-fini jawtorizza lid-Direttur biex jiffirma memoranda ta' ftehim ma' Stati Membri, pajjiżi assoċjati jew pajjiżi terzi oħra;

- (n) jiddeċiedi dwar it-tfassil u l-koordinazzjoni ta' azzjonijiet ta' appoġġ imwettqa mill-KKI ***biex jitwessa' l-impatt tal-EIT fl-Unjoni kollha*** għall-iżvilupp u l-kapaċità intraprenditorjali u tal-innovazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, ***kif ukoll tal-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fejn xieraq***, u l-integrazzjoni tagħhom f'ekosistemi innovattivi, ***sabiex tissaħħaħ l-integrazzjoni tar-triangolu tal-għarfien***;
- (o) ***jippromwovi l-ħolqien ta' sinerġiji bejn l-EIT, inkluż permezz tal-KKI, u l-programmi qafas tal-Unjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni, kif ukoll l-iskemi ta' finanzjament nazzjonali u reġjonali.***

2. Minbarra d-deċiżjonijiet strateġiċi msemmija fil-punt 1, il-Bord tat-Tmexxija għandu jieħu dawn id-deċiżjonijiet proċedurali u operattivi oħra neċessarji għat-twettiq tal-kompiti tiegħu u tal-attivitajiet tal-EIT. Huwa għandu, b'mod partikolari:

- (a) jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu, u dawk tal-Kumitat Eżekuttiv, kif ukoll ir-regoli finanzjarji speċifiċi tal-EIT;
- (b) ***jiddelega kompiti speċifiċi lill-Kumitat Eżekuttiv***;
- (c) jistabbilixxi onorarji xierqa għall-membri tal-Bord tat-Tmexxija u tal-Kumitat Eżekuttiv, li għandhom ikunu konformi ma' remunerazzjoni simili fl-Istati Membri;

- (d) jadotta proċedura *miftuħa u trasparenti* għall-għażla ***tal-membri*** tal-Kumitat Eżekuttiv;
- (e) jaħtar id-Direttur u, jekk meħtieġ, jestendi l-mandat tiegħu jew ineħħi lid-Direttur mill-kariga, skont it-Taqsima 5;
- (f) jaħtar l-Uffiċjal tal-Kontabbiltà u l-membri tal-Kumitat Eżekuttiv;
- (g) jadotta kodiċi ta' kondotta tajba rigward il-kunflitti ta' interess;
- (h) jistabbilixxi, fejn xieraq, gruppi konsultattivi ***b'objettiv, kompiti u durata definiti***;
- (i) jistabbilixxi Funzjoni ta' Awditjar Intern skont ir-regoli finanzjarji tal-EIT;
- (j) jiddeċiedi dwar il-lingwi ta' ħidma tal-EIT, filwaqt li jqis il-prinċipji eżistenti dwar il-multilingwiżmu u r-rekwiżiti prattiċi tal-operat tiegħu;
- (k) isejjaħ laqgħa annwali ta' livell għoli mal-KKI;
- (l) ***jirrapporta dwar il-kooperazzjoni tal-KKI ma' Sħubijiet Ewropej oħra.***

3. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jieħu d-deċiżjonijiet **skont ir-Regolamenti** tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni, stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68¹ (li ssir referenza għalihom bħala r-"Regolamenti tal-Persunal" u l-"Kondizzjonijiet tal-Impjieg", rispettivament), b'rabta mal-persunal tal-EIT u l-kondizzjonijiet tal-impjieg tiegħu. B'mod partikolari, **għandu**:
- (a) jadotta l-miżuri ta' implimentazzjoni **sabiex** ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg jidħlu fis-seħħ, skont l-Artikolu 110(2) tar-Regolamenti tal-Persunal;
 - (b) skont il-punt (c) **ta' dan il-punt**, jeżerċita, fir-rigward tal-persunal tal-EIT, is-setgħat tal-Awtorità tal-Ħatra mogħtija mir-Regolamenti tal-Persunal u l-Awtorità Mogħtija s-Setgħa li Tikkonkludi Kuntratt ta' Impjieg mogħtija mill-Kondizzjonijiet tal-Impjieg (is-"setgħat tal-awtorità tal-ħatra");
 - (c) skont l-Artikolu 110(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, jadotta deċiżjoni abbażi tal-Artikolu 2(1) tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 6 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg, li tiddelega s-setgħat tal-awtorità tal-ħatra relevanti lid-Direttur u li **tistabbilixxi** l-kondizzjonijiet li skonthom **dik** id-delega **■** tista' tiġi sospiża **filwaqt li d-Direttur ikun** awtorizzat jissottodelega dawk is-setgħat;
 - (d) jadotta deċiżjoni biex, f'każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali, jissospendi temporanjament id-delega tas-setgħat tal-awtorità tal-ħatra lid-Direttur u lil dawk sottodelegati mid-Direttur u li jeżerċitahom huwa stess jew jiddelegahom lil wieħed mill-membri tiegħu jew lil membru tal-persunal li ma jkunx id-Direttur.

¹ ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.

TAQSIMA 3

FUNZJONAMENT TAL-BORD TAT-TMEXXIJA

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jeleġġi l-President tiegħu minn fost il-membri tiegħu. Il-mandat tal-President għandu jkun għal sentejn, li jista' jiġġedded darba.
2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jipparteċipa fil-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija, mingħajr ma jkollu d-dritt tal-vot, iżda l-qbil tiegħu għandu jkun rikjest fil-każijiet imsemmija fil-punt 5. Għandu jkollu d-dritt li jissuġġerixxi l-punti tal-aġenda tal-Bord tat-Tmexxija.
3. Id-Direttur għandu jipparteċipa fil-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija, mingħajr ma jkollu d-dritt tal-vot.
4. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta deċiżjonijiet b'maġġoranza sempliċi tal-membri li għandhom id-dritt tal-vot.

Madankollu, id-deċiżjonijiet li jaqgħu taħt il-punti (1)(a), (b), (c), (d), u (n) tat-Taqsima 2 u l-punti (2)(e) u (j) tat-Taqsima 2, kif ukoll id-deċiżjonijiet li jaqgħu taħt il-punt 1 ta' din it-Taqsima għandhom ikunu jeħtieġu maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija li għandhom id-dritt tal-vot.

5. Id-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija li jaqgħu taħt il-punti (1)(c), **(e)**, **(g)**, (h), (j) u (m), il-punt (2)(c) u l-punt (3)(a) tat-Taqsima 2 għandhom ikunu jeħtieġu l-ftehim tal-Kummissjoni, espress mir-rappreżentant tagħha fil-Bord tat-Tmexxija.

6. ***Il-Bord tat-Tmexxija għandu jitlob l-opinjoni tal-MSRG qabel ma jadotta deċiżjonijiet li jikkonċernaw l-estensjoni jew it-terminazzjoni tal-ftehimiet ta' sħubija mal-KKI skont il-punti (1)(h) u (k) tat-Taqsima 2, u dwar il-konklużjoni tal-memorandum ta' kooperazzjoni skont il-punt (1)(g) tat-Taqsima 2.***

L-opinjoni msemmija fl-ewwel paragrafu ma għandhiex tkun vinkolanti għall-Bord tat-Tmexxija. Għandha tinħareġ mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn xahrejn wara li tkun intalbet.

7. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jiltaqa' f'sessjoni ordinarja mill-anqas erba' darbiet fis-sena u f'sessjoni straordinarja meta jitlaqqa' mill-President tiegħu jew fuq talba ta' mill-anqas terz tal-membri kollha tiegħu jew tar-rappreżentant tal-Kummissjoni.

TAQSIMA 4

IL-KUMITAT EŻEKUTTIV

1. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jassisti lill-Bord tat-Tmexxija fit-twettiq tal-kompiti tiegħu.
 2. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jkun magħmul minn *ħames* membri, ***inkluż il-President*** tal-Bord tat-Tmexxija, li għandu jippresiedi wkoll il-Kumitat Eżekuttiv. L-erba' membri apparti l-President għandhom jintgħażlu mill-Bord tat-Tmexxija minn fost il-membri tiegħu, sabiex ikun hemm bilanċ bejn daww b'esperjenza fl-oqsma tal-edukazzjoni għolja, ir-riċerka, l-innovazzjoni jew in-negozju. Il-mandat tal-membri tal-Kumitat Eżekuttiv għandu jkun ta' sentejn, u jiġġedded darba.
 3. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jħejji l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija f'kooperazzjoni mad-Direttur.
- I**
4. Il-Bord tat-Tmexxija jista' jitlob lill-Kumitat Eżekuttiv biex iwettaq superviżjoni u monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet u tar-rakkomandazzjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija.

5. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu ***jħejji d-diskussjoni u l-adozzjoni mill-Bord tat-Tmexxija*** dwar l-abbozz ta' kontribut tal-EIT għall-proposta tal-Kummissjoni dwar l-ASL. ***Barra minn hekk, il-Kumitat Eżekuttiv għandu jħejji d-diskussjoni tal-Bord tat-Tmexxija dwar l-abbozz ta' dokument*** uniku ta' programmazzjoni, ***l-abbozz ta' rapport*** annwali konsolidat tal-attività, ***l-abbozz ta' baġit*** annwali u ***l-abbozz ta' kontijiet*** annwali u l-karta tal-bilanċi qabel ma jitressqu quddiem il-Bord tat-Tmexxija.
6. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Eżekuttiv għandhom jiġu adottati abbażi tal-maġġoranza tal-membri preżenti. Kull membru għandu jkollu vot wieħed.
7. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jipparteċipa fil-laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv, mingħajr ma jkollu d-dritt tal-vot. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jkollu d-dritt li jissuġġerixxi l-punti tal-aġenda tal-Kumitat Eżekuttiv.
8. Id-Direttur għandu jipparteċipa fil-laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv, mingħajr ma jkollu d-dritt tal-vot.
9. Il-membri tal-Kumitat Eżekuttiv għandhom jaġixxu fl-interessi tal-EIT, filwaqt li jissalvagwardjaw il-missjoni u l-oġġettivi u, l-identità, l-awtonomija u l-koerenza tiegħu, b'mod indipendenti u trasparenti. Għandhom jirrappurtaw lill-Bord tat-Tmexxija regolarment dwar id-deċiżjonijiet adottati u l-kompiti assenjati lilhom mill-Bord tat-Tmexxija.

TAQSIMA 5

ID-DIRETTUR

1. Id-Direttur għandu jkun persuna b'kompetenza u reputazzjoni tajba fl-oqsma li fihom jopera l-EIT. Id-Direttur għandu jkun membru tal-persunal tal-EIT u għandu jiġi impjegat bħala aġent temporanju skont il-punt (a) tal-Artikolu 2 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg.
2. Id-Direttur għandu jinħatar mill-Bord tat-Tmexxija minn lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni, wara li tkun saret proċedura tal-għażla miftuħa u trasparenti. Bil-għan li jiġi konkluż il-kuntratt mad-Direttur, l-EIT għandu jiġi rrappreżentat mill-President tal-Bord tat-Tmexxija.
3. Il-mandat tad-Direttur għandu jkun ta' erba' snin. Il-Bord tat-Tmexxija, filwaqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni li tqis l-evalwazzjoni tagħha tal-prestazzjoni tad-Direttur ***u l-aħjar interessi*** tal-EIT ***kif ukoll il-kompiti*** u l-isfidi futuri ***tiegħu***, jista' jestendi dak il-mandat darba għal perjodu ta' mhux aktar minn ***erba'*** snin. Direttur li l-mandat tiegħu ġie estiż ma għandux jipparteċipa fi proċedura tal-għażla oħra għall-istess pożizzjoni.
4. Id-Direttur għandu jitneħħa mill-kariga tiegħu biss b'deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija, li jkun qed jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni.

5. Id-Direttur għandu jkun responsabbli għall-operazzjonijiet u għall-ġestjoni ta' kuljum tal-EIT u għandu jkun ir-rappreżentant legali tiegħu. Id-Direttur għandu jagħti rendikont lill-Bord tat-Tmexxija u jgħaddilu rapporti fuq bażi regolari dwar l-iżvilupp tal-attivitajiet tal-EIT u l-attivitajiet li jaqgħu fir-responsabbiltà tiegħu.
6. Id-Direttur għandu b'mod partikolari:
- (a) jorganizza u jmexxi l-attivitajiet tal-EIT;
 - (b) jgħin lill-Bord tat-Tmexxija u lill-Kumitat Eżekuttiv f'f'idmiethom, jipprovdi s-segretarjat għal-laqgħat tagħhom u jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa għat-twettiq ta' dmirijiet;
 - (c) jappoġġja lill-Bord tat-Tmexxija fit-tnejn tal-kontribut tal-EIT għall-proposta tal-Kummissjoni dwar l-ASI;
 - (d) iħejji l-abbozz tad-dokument uniku ta' programmazzjoni, l-abbozz tar-rapport annwali konsolidat tal-attività u l-abbozz tal-baġit annwali biex jiġu ppreżentati lill-Bord tat-Tmexxija;

- (e) iħejji u jamministra l-proċedura tal-għażla għall-KKI u jiżgura li d-diversi stadji ta' dik il-proċedura jitwettqu b'mod trasparenti u oġġettiv, taħt is-superviżjoni tal-Bord tat-Tmexxija, ***filwaqt li jehmeż rapport dettaljat tal-proċedura tal-għażla mar-rapport annwali konsolidat tal-attività msemmi fil-punt (d);***
- (f) iħejji, jinnegozja u jikkonkludi, ***bl-awtorizzazzjoni tal-Bord*** tat-Tmexxija, ftehimiet ■ ta' sħubija ***u*** ftehimiet ta' għotja ■ mal-KKI;
- (g) ***iħejji u jinnegozja memoranda ta' kooperazzjoni mal-KKI u, soġġett għall-approvazzjoni finali mill-Bord tat-Tmexxija, jikkonkludihom skont il-punt (1)(a) tat-Taqsima 2;***
- (h) iħejji, jinnegozja u jikkonkludi, bil-qbil tal-Bord tat-Tmexxija, ftehimiet ta' għotja ma' entitajiet ġuridiċi oħra;
- (i) jorganizza l-laqgħat tal-forum tal-partijiet ikkonċernati u tal-MSRG ***u jiżgura komunikazzjoni effettiva magħhom***, taħt is-superviżjoni tal-Bord tat-Tmexxija;

- (j) jiffirma, ***bl-awtorizzazzjoni tal-Bord*** tat-Tmexxija, memoranda ta' qbil ma' Stati Membri, pajjiżi assoċjati jew pajjiżi terzi oħra bil-għan li jippromwovi l-EIT mad-dinja kollha;
- (k) jiżgura l-implimentazzjoni ta' proċeduri effikaċi ta' monitoraġġ, ***valutazzjoni*** u evalwazzjoni fir-rigward tal-prestazzjoni ***tal-KKI*** skont ***il-punt (1)(j) tat-Taqsima 2, kif ukoll jimplimenta l-miżuri korrettivi deċiżi mill-Bord tat-Tmexxija, skont l-Artikolu 11(6)***;
- (l) ikun responsabbli għal kwistjonijiet amministrattivi u finanzjarji, skont il-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba, fosthom l-implimentazzjoni tal-baġit tal-EIT, wara li jittieħed kont tal-parir mogħti mill-Funzjoni ta' Awditjar Intern;
- (m) jippreżenta l-abbozz tal-kontijiet annwali u l-karta tal-bilanċ lill-Funzjoni ta' Awditjar Intern, u sussegwentement lill-Bord tat-Tmexxija;
- (n) jiżgura li jitwettqu l-obbligi tal-EIT fir-rigward tal-kuntratti u l-ftehimiet konklużi minnu, taħt is-superviżjoni tal-Bord tat-Tmexxija;
- (o) jiżgura komunikazzjoni effettiva mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, taħt is-superviżjoni tal-Bord tat-Tmexxija;

(p) jinforma lill-MSRG dwar ir-riżultati tal-monitoraġġ, il-valutazzjoni u l-evalwazzjoni, u jibgħat l-opinjonijiet tal-MSRG lill-Bord tat-Tmexxija;

(q) jaġixxi fl-interess tal-EIT, filwaqt li jissalvagwardja l-missjoni u l-oġġettivi, l-identità, l-awtonomija u l-koerenza tiegħu b'mod indipendenti u trasparenti.

7. Id-Direttur għandu jwettaq kwalunkwe kompitu ieħor li jingħatalu mill-Bord tat-Tmexxija u li jaqa' fir-responsabbiltà tiegħu.

TAQSIMA 6

IL-PERSUNAL TAL-EIT U ESPERTI NAZZJONALI SEKONDATI

1. Il-persunal tal-EIT għandu jkun magħmul minn persuni impjegati direttament mill-EIT. Ir-Regolamenti tal-Persunal, il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg u r-regoli adottati bi qbil bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni biex jitqiegħdu fis-seħħ għandhom japplikaw għall-persunal tal-EIT.
Dan il-punt għandu japplika għall-persunal impjegat mill-EIT fi... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], irrISPettivament mid-data tal-bidu tal-kuntratt tal-impjieg tagħhom.
2. Esperti nazzjonali jistgħu jiġu ssekondati mal-EIT għal perjodu limitat. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta dispożizzjonijiet li jippermettu lill-esperti nazzjonali sekondati jaħdmu mal-EIT u li jiddefinixxu d-drittijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom.

ANNESS II

IR-REGOLAMENT IMĦASSAR BL-EMENDA GĦALIH

Ir-Regolament (KE) Nru 294/2008 tal-Parlament (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 1)
Ewropew u tal-Kunsill

Ir-Regolament (UE) Nru 1292/2013 tal-Parlament (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 174)
Ewropew u tal-Kunsill

ANNEX III

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Ir-Regolament (KE) Nru 294/2008	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2, punt 1	Artikolu 2, punt 1
Artikolu 2, punt 2	Artikolu 2, punt 2
Artikolu 2, punt 3	Artikolu 2, punt 3
Artikolu 2, punt 5	Artikolu 2, punt 5
Artikolu 2, punt 6	Artikolu 2, punt 6
Artikolu 2, punt 7	Artikolu 2, punt 7
-	Artikolu 2, punt 8
Artikolu 2, punt 8	-
Artikolu 2, punt 9	Artikolu 2, punt 9
Artikolu 2, punt 9a	Artikolu 2, punt 10
Artikolu 2, punt 10	Artikolu 2, punt 11
-	Artikolu 2, punt 12
Artikolu 2, punt 11	Artikolu 2, punt 13
-	Artikolu 2, punt 14
-	Artikolu 2, punt 15
-	Artikolu 2, punt 16
Artikolu 3	Artikolu 3(1) u (2)
Artikolu 4(1), punti (a), (c) u (d)	Artikolu 5(1)
Artikolu 4(2)	-
Artikolu 4(3)	Artikolu 5(2)

-	Artikolu 5(3)
Artikolu 5(1), punti (a) sa (c)	Artikolu 6, punti (a), (b) u (c) u l-punt (e)
Artikolu 5(1), punt (d)	-
-	Artikolu 6, punt (d)
Artikolu 5(1), punti (e) u (f)	Artikolu 6, punti (f) u (g)
-	Artikolu 6, punti (h) u (i)
Artikolu 5(1), punti (g) sa (i)	Artikolu 6, punti (j), (k) u (l)
Artikolu 5(1), punt (j)	-
-	Artikolu 6, punti (m) u (n)
Artikolu 5(1), punt (k)	Artikolu 6, punti (o) u (p)
-	Artikolu 6, punti (q) sa (t)
Artikolu 5(2)	-
Artikolu 6(1), punti (a) sa (c)	Artikolu 7(1), punti (a), (b) u (c)
-	Artikolu 7(1), punt (d)
Artikolu 6(1), punt (d)	Artikolu 7(1), punt (e)
-	Artikolu 7(1), punt (f)
Artikolu 6(1), punt (e)	Artikolu 7(1), punt (g)
-	Artikolu 7(1), punti (h) u (i)
Artikolu 6(2), punti (a) sa (e)	Artikolu 7(2), punti (a) sa (e)
-	Artikolu 7(3)
Artikolu 6(3)	Artikolu 7(4)
-	Artikolu 8
Artikolu 7(1)	Artikolu 9(1)
Artikolu 7(1a)	Artikolu 9(2)
Artikolu 7(2)	-
Artikolu 7(3)	Artikolu 9(3)
Artikolu 7(4)	Artikolu 9(4)

Artikolu 7(5)	Artikolu 9(5)
Artikolu 7a	Artikolu 10
Artikolu 7b(1)	-
Artikolu 7b(2)	Artikolu 11(1)
-	Artikolu 11(2)
-	Artikolu 11(3)
Artikolu 7b(3)	Artikolu 11(4)
-	Artikolu 11(5)
Artikolu 7b(4)	Artikolu 11(6)
-	Artikolu 11(7)
-	Artikolu 12
Artikolu 8(1)	Artikolu 13(1)
Artikolu 8(2), punt (a)	Artikolu 13(2), punt (a)
Artikolu 8(2), punt (aa)	Artikolu 13(2), punt (b)
-	Artikolu 13(2), punti (c) sa (f)
Artikolu 8(2), punt (b)	Artikolu 13(2), punt (g)
Artikolu 9(1) u (2)	Artikolu 14(1)
Artikolu 9(3)	Artikolu 14(2)
Artikolu 11	Artikolu 15
Artikolu 12	Artikolu 16
Artikolu 13(1)	Artikolu 17(1)
-	Artikolu 17(2)
Artikolu 13(2) sa (7)	Artikolu 17(3) sa (8)
Artikolu 14(1)	-
Artikolu 14(2)	Artikolu 18(1)
Artikolu 14(3)	Artikolu 18(2)
-	Artikolu 18(3)

Artikolu 14(4)	Artikolu 18(4)
Artikolu 14(5)	Artikolu 18(5)
Artikolu 14(6)	-
-	Artikolu 18(6)
Artikolu 14(7)	Artikolu 18(7)
Artikolu 15(1)	Artikolu 19(1)
Artikolu 15(2)	Artikolu 19(2)
Artikolu 16(1)	Artikolu 20(1)
Artikolu 16(2)	Artikolu 20(2)
Artikolu 16(2a)	Artikolu 20(3)
Artikolu 16(3)	Artikolu 20(4)
Artikolu 17(1)	-
-	Artikolu 4(4)
Artikolu 17(2)	Artikolu 4(1)
Artikolu 17(2a)	Artikolu 4(2)
Artikolu 17(3)	Artikolu 4(3)
Artikolu 17(4)	Artikolu 4(5)
Artikolu 18	-
Artikolu 19(1)	-
-	Artikolu 21(1)
Artikolu 19(2)	-
Artikolu 19(3)	Artikolu 21(2)
Artikolu 20(1)	Artikolu 22(1)
Artikolu 20(2)	-
Artikolu 20(3)	Artikolu 22(2)

Artikolu 20(4)	-
Artikolu 20(5)	Artikolu 22(3)
Artikolu 20(6)	-
Artikolu 20(7)	-
Artikolu 20(8)	Artikolu 22(4)
Artikolu 20(9)	Artikolu 22(5)
Artikolu 20(10)	Artikolu 22(6)
Artikolu 21(1)	Artikolu 23(1)
Artikolu 21(1a)	Artikolu 23(2)
Artikolu 21(2)	Artikolu 23(3)
Artikolu 21(3)	Artikolu 23(4)
Artikolu 21(4)	-
Artikolu 22	Artikolu 24
Artikolu 22a	Artikolu 25
Artikolu 23	-
-	Artikolu 26
-	Artikolu 27
Artikolu 24	Artikolu 28
Anness	Anness I
-	Anness II
-	Anness III